**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 15 ta' Mejju 2025

Każ Nru. 54/2013

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles Paul Muscat**
**(K.I. Nru 4583G)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Charles Paul Muscat,** ta' 30 sena, iben Saviour u Frances nee' Galea, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar l-10 ta' Frar 1983 u residenti fil-fond 'Villa Ġnien is-Sultan', Triq Sannat, Sannat, Għawdex u Ankra Court, Flat 6, Triq in-Narċiz, Xlendi limiti tal-Munxar, Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 4583G u akkużat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 u fil-ġranet ta' wara ġewwa Marsalforn, Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-gżejjer, f'ħinijiet differenti:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Fiat bin-numru tar-reġistrazzjoni BON114 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi malli kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura u waqt li kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-veloċità;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi malli kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura eċċeda l-limitu ta' veloċità waqt li kien għaddej minn ġewwa Belt jew Rahal;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura kontra s-sinjali li kien jindika li ma hemmx dħul;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) fid-digriet maħruġ nhar it-8 ta' Frar 2011 mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D. u hekk kif sussegwentement ġew emendati;

U aktar talli fl-24 ta' Mejju 2013 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa diversi postijiet f'dawn il-gżejjer f'ħinijiet differenti:

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi b'qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia akkuża lil imsemmija persuni quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, b'kitba jew b'xi mod ieħor;

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi b'xi mezz permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu oriġina l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir għamel malafama lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat u kif ukoll tordna li s-somma totali ta' ħamsa u għoxrin

elf ewro (€25,000) imsemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja tal-imputat għal dak iż-żmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq u dan skont l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-9 ta' Mejju 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat is-Sentenza erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Marzu 2023 fejn għall-motivi hemm spjegati, laqgħet it-tieni aggravju tal-appellant limitatament u rrevokat is-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, irrinvijat l-atti lil din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-hemm appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma' ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.[2]

Rat ir-rikors tal-21 ta' Novembru 2024 ippreżentat mid-difiża fejn il-Qorti intalbet tipproċedi bis-smiegħ tal-provi kif ukoll rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-*parte ċivile*.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru 2024 fejn għall-motivi hemm spjegati, ċaħdet it-talba tad-difiża u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati l-15 ta' Novembru 2016[3] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 95, 96(a), 338(ee), 579(2)(3) u (4), 110(1), 110(2), 101 u 252 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] A fol. 1317 ta' l-atti proċesswali.
[2] A fol. 1271 sa 1300 ta' l-atti proċesswali.
[3] A fol. 795 tal-atti proċesswali.

2. Fl-Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fir-Regolamenti 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Avviż Legali 128 tas-sena 1994 hekk kif ukoll ġie sussegwentement emendat (L.S. 65.11);
4. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017 fejn l-akkużat ddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn, il-Qorti sejra tindika l-*iter* li wassal għal dawn il-proċeduri.

Illi l-akkużat tressaq quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta nhar l-24 ta' Mejju 2013, liema proċeduri ġew konklużi minn din il-Qorti diversament ippresjeduta b'sentenza erogata nhar is-27 ta' Marzu 2018. Illi l-akkużat appella minn dik is-sentenza fl-4 ta' April 2018. Ġara iżda li wieħed mill-volumi ta' dan il-proċess ma setax jinstab u b'sentenza datata l-21 ta' Frar 2024 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat is-sentenza nulla u mingħajr effett u bagħtet l-atti quddiem din il-Qorti sabiex jerġa jiġi ġudikat mill-ġdid. Illi dwar l-għibien tal-imsemmi volum infteħet investigazzjoni *in genere* u l-Maġistrat Inkwirenti, b'Digriet datat is-7 ta' Frar 2024 illi l-volum instab fl-intier tiegħu u ordnat li jerġa' jiġi reintegrat f'dawn l-atti. Illi wara li l-Qorti ddisponiet minn numru ta' eċċezzjonijet u oġġezzjonijiet mressqa mid-difiża, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fl-14 ta' April 2013 waqt li pulizija mill-Iskwadra tal-Mobile kienu qegħdin jagħmlu ronda fi Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, raw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BON 114 li kienet tgħajjat lill-akkużat Charles Paul Muscat. Wara li ġie konfermat ma' l-Għassa tar-Rabat x' kienu l-kundizzjonijiet tal-libertà' proviżorja ta' l-akkużat, ċioè li kellu jkun id-dar f'nofs il-lejl, il-pulizija komplew bir-ronda. Meta għaddew minn Triq Manuel Magro, Marsalforn ġew wiċċ imb'wiċċ ma' din il-vettura li kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat. Wieħed mill-pulizija niżel mill-vettura tiegħu biex imur jieħu ċ-ċwievet tal-vettura ta' l-akkużat u fil-pront allegatament l-akkużat saq għal fuqu u ħarab minn fuq il-post. Huwa niżel minn Triq ix-Xtut u niżel kontra l-*one-way* minn Triq Santa Marija lejn il-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-pulizija riedu jwaqqfuh hu għalhekk PS715 ta' struzzjonijiet lill-kollegi tiegħu biex jagħlqu t-triq bil-vettura tagħhom bil-*beacon lights* mixgħulin. L-akkużat għafas il-gass u rnexxilu jgħaddi u jaħrab bil-pulizija jsuqu warajh. Huma saqu lejn id-direzzjoni tax-Xlendi u meta wasslu fi Triq ir-Ranċiż, Xlendi raw il-vettura ta' l-akkużat ipparkjata quddiem il-blokka ta' appartamenti fejn joqgħod. Il-karozza tal-akkużat kienet għada qed tfaqqa' għax kienet għadha sħuna, riżultat tas-sewqan veloċi. Il-bieb tal-komun kien magħluq u msakkar u peress illi meta' l-pulizija daqqew il-qniepen ħadd ma fetaħ, PS 715 ta struzzjonijiet biex jifqgħu il-bieb ta' barra u b' hekk il-pulizija rnexxilhom jidħlu. Huma telgħu jħabbtu fuq il-bieb ta' l-appartament ta' l-akkużat iżda minkejja li qalulu li kienu pulizija u biex jiftħilhom huwa ma' fetaħx. Kien għalhekk li PS715 ta' struzzjonijiet biex jifqgħu ukoll dan il-bieb fejn malli daħlu sabu l-akkużat hemmhekk jgħajjat. Wara xi reżistenza da parti ta' l-akkużat il-pulizija rnexxielhom jarrestawh billi niżżluh ma' l-art u poġġewh taħt arrest. Sussegwentement l-akkużat kien bagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Prim Ministru, fejn allega li kien ġie msawwat mill-pulizija.

Illi waqt li l-akkużat kien qed jinżamm taħt arrest, l-akkużat ilmenta li kien qed iħossu ħażin u għaldaqstant l-pulizija eskortawh lejn id-Dipartiment ta' l-Emerġenza ġewwa l-isptar Ġenerali t'Għawdex. Kif jirriżulta mid-*Discharge*

*Letter* datata 13 ta' Mejju 2013 iffirmata mill-psikjatra Dr John Borg,[4] l-akkużat kien qed ibagħti minn stress mentali li allegatament ġie kkawżat mit-trawma li għadda minnha l-akkużat meta l-membri tal-pulizija daħħlu fuqu waqt li kien id-dar rieqed u allegatament sawtuh.

Illi xehed l-Ispettur Bernard Spiteri[5] fejn esebixxa envelop li jikkontjeni 12-il ritratt li ġew immarkati bħala Dok. BCS1 sa Dok. BCS12;[6] email mibgħuta mill-Avukat Dr Tonio Azzopardi f' isem l-akkużat lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, Peter Paul Zammit, eżebita bħala Dok. BCS13[7] u kif ukoll l-istqarrija ta' l-akkużat bħala Dok. BCS14.[8]

Illi fl-istqarrija li rrilaxxa l-akkużat fl-24 ta' Mejju 2013[9] huwa stqarr li jaħdem bħala skrivan fl-uffiċju tal-Liċenzji fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Dwar dak li ġara fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 l-akkużat stqarr li mar jixrob ġewwa ta' Nona Bar ġewwa x-Xlendi fejn iltaqa' ma' ħuh u xi ħbieb tiegħu u ntefa' magħhom. Billi huwa joqgħod x-Xlendi huwa mar bil-mixi għaliex ma' tantx kien hemm bogħod. Hemmhekk iltaqa' ma' ħabib tiegħu ċertu John Sultana li qallu li kien fetaħ Paradiso wara nofsinhar. Dan huwa *club* li jinsab fit-tela' tax-Xlendi u peress illi kien ilu ma' joħroġ peress illi kien marbut bil-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja, iddeċieda li jmur ma John Sultana u jitla' miegħu fil-karozza. L-akkużat stqarr li kien ħalla l-karozza tiegħu quddiem id-dar tiegħu. Huma wasslu Paradiso għall-ħabta tas-7:00 jew it-8:00 ta' fil-għaxija u baqgħu hemm sal-11:00 jew il-11:30 u wara, dan John Sultana wasslu lura l-appartament fejn joqgħod sabiex ma jaqbiżx il-ħin tar-rinkażar. Kif wasal induna li kien tilef iċ-ċavetta tad-dar, kif ukoll il-mobile u għajjat lil ħuh li joqgħod kważi faċċata tiegħu, sabiex jagħtih iċ-ċavetta *spare* li kellu għandu. Huħ ħareġ mill-gallarija u qallu li kien ser iġiblu mazz ċwievet għaliex kien ħallihom għand ta' Nona Bar. Niżel ħuh u mar miegħu d-dar fejn qagħdu jilgħabu *Playstation* u jparlaw. Għal ħabta tas- 1:00 ta' filgħodu ħuh telaq. Wara li telaq ħuh, neża' bil-boxer shorts u ntefa'

---

[4] Ara Dok. TA1 a fol. 25 ta' l-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2013 a fol. 34 ta' l-atti proċesswali.
[6] A fol. 36 ta' l-atti proċesswali. Uħud minn dawn ir-ritratti huma datati 15 ta' April 2013 filwaqt li oħrajn huma datati l-16 ta' April 2013.
[7] A fol. 37 sa 28 ta' l-atti proċesswali.
[8] A fol. 39 sa 47 ta' l-atti proċesswali.
[9] Ara Dok. AT2 a fol 13 sa 22 ta' l-atti proċesswali.

fis-sodda. Xi għaxar minuri wara sema' storbju fit-taraġ u wara sar jaf li faqgħu l-bieb tal-komun tal-aluminju li ma kienx jissakkar. Fil-pront ħabbat il-bieb ta' l-appartament b' tisbita kbira u qam minn ġos-sodda fid-dlam. Ipprova jsib id-dawl u xegħel il-kamra tas-sodda. Peress illi kien bil-boxer shorts ipprova isib qalziet iżda ma tawhx ċans għax tefgħu l-bieb ġewwa. Fil-kuridur mudlam ra persuna b' pistola u qallu biex ma' jiċċaqlaqx. Dak il-ħin ffriża u tella' idejh fuq rasu. Kien imwerwer u sab tlett pulizija armati. Dawn wara ġew identifikati bħala PC870, PC 138 u PS715. Allegatament bdew ġejjin daqqiet minn kullimkien u spiċċa b' wiċċu ma' l-art. Dan kollu ġara fil-kamra tas-sodda. PC138 poġġa fuq ġenbu fuq in-naħa tal-lemin waqt li PC 870 poġġa fuq in-naħa l-oħra fuq ix-xellug. PC 138 beda' isabbatlu rasu mal-ħajt diversi drabi filwaqt li beda' jgħajjat ma' l-oħrajn biex jagħmlulu l-manetti. Hu ma' offra l-ebda reżistenza. PC 138 beda' iwaqqgħu għaż-żuffjett. Huwa beża' u beda' jgħajjat għalfejn qed tagħmluli hekk. Komplew jagħtuh. Ħin minnhom xi ħadd fetaħlu saqajh beraħ u beża' li kienu ser jittorturawh. Imbagħad irnexxielhom jagħmlulu l-manetti, tefgħuh ma' l-art u tefgħuh ukoll fuq is-sodda. Huwa qal li kkalkula li dan dam għaddej xi għaxar minuti. Qal li PC Ruben offendih b'ommu u PC 138 qallu iħares fil-mera u għajjatlu pulċinell. X' ħin wasslu fuq il-post pulizija oħra, waqaf kollox. Huwa kien immanettjat fuq wara u irnexxielu jgħaddi saqajh u jġib idejh quddiem u liebes qalziet u bdew jagħmlu tfittxija fl-appartament u fil-karozza u għamlulu *strip search.* Għamlulu ukoll l-*breathalyzer test* li ġie fin-neġattiv. L-akkużat stqarr li PC 138 kien ilu li kellu għalih. Fil-fatt qal li darba minnhom kien qed jitkellem ma' pulizija ieħor li kien qallu li PC138 lill-akkużat ried jarah il-ħabs. Biex jitħabbeb ma PC 138 dan il-pulizija sussegwentement mar jgħidlu li l-akkużat kien qed jgħid kontrih. L-akkużat qal li waqt li kienu fi triqthom lejn ir-Rabat kien staqsa lil PC138 għalfejn kien jobgħodu daqshekk. L-akkużat ma riedx jgħidlu min kien dan il-pulizija li kien qallu li kellu għalih. Huwa stqarr li fl-ebda ħin ma' semagħhom jgħidu li kienu pulizija. Huwa stqarr li ma ħassx li kellu jgħid lill-pulizija ta' l-għassa li kien qala' xebgħa iżda imbagħad qal lill-pulizija tal-*lock-up*. Huwa stqarr li l-*black eye* ħarġet l-għada u qabel ħmura biss kellu. L-akkużat innega li kien Marsalforn f'xi ħin u qal li ma jafx kif il-karozza tiegħu spiċċat hemm iżda qal ukoll li nnota li l-karozza tiegħu kienet qed tħares fid-direzzjoni opposta minn kif kien ħalliha hu. Huwa nnega li dakinhar ta' l-inċident għall-ħabta ta' 23:30 jew 00:00 ta' bil-lejl kien id-dar ta' Leli l-Malti. Innega ukoll li huwa

ċempel lil Leli għal ħabta' tal-23:04 fl-14 ta' April 2013 u li dakinhar ta' l-inċident huwa kien qed isuq il-karozza tiegħu ġewwa Marsalforn. L-akkużat ikkonferma li dak li allega fl-ittra li kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija, bl-allegazzjonijiet fil-konfront tal-pulizija. kien ir-rapport tiegħu dwar dak li ġara. Huwa nnega li l-pulizija wassluh id-dar ta' nannuh minflok l-isptar.

Huwa kompla jistqarr li imbagħad ħaduh il-*lock up* fejn qal lill-pulizija li kien hemm li kien qala' xebgħa u talab mera. Talabhom lighter u minflok tawh kaxxa sulfarini u tellawh fiċ-ċella fejn pejjep sigarett u raqad. Filgħodu qam b' għajnejh ma' setax jiftaħha. Marru fuqu żewġ pulizija u staqsewh kif ġrat u qalilhom li kien għamilhielu PC138 Joseph Portelli. Dwar iċ-ċwievet li skont hu ħaditlu Sonia, l-akkużat qal li qatt ma' ħadhom lura.

Ikkunsidrat

Illi PS715 Lucian Gatt xehed[10] li fl-14 ta' April 2013 għall-ħabta ta' nofs il-lejl, waqt li kien qiegħed jagħmel ronda flimkien ma' kollegi tiegħu PC 138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia, għaddew minn Triq il-Qolla s-Safra Marsalforn u raw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BON114 li kienet tgħajjat lil Charles Paul Muscat. Peress illi x-xhud kien jaf li l-akkużat kien fuq *libertà proviżorja,* huwa ċempel l-għassa tar-Rabat Għawdex sabiex jiċċekkja l-kundizzjonijiet li bihom kien marbut l-akkużat. Fil-fatt ikkonfermaw li l-akkużat kellu jkun id-dar f' nofs il-lejl. Il-Pulizija komplew bir-ronda u għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, waqt li kienu għaddejjin minn Triq Manuel Magro, Marsalforn, ġew wiċċ imb'wiċċ mal-vettura imsemmija li kienet qed tinstaq mill-akkużat stess. Ix-xhud ta struzzjonijiet lix-xufier sabiex jagħlaq it-triq bil-vettura kif ukoll ta struzzjonijiet lill-kollega tiegħu biex jinżel iwaqqaf lill-akkużat u jeħodlu ċ-ċavetta. Xehed li fil-pront l-akkużat saq għal fuq dak il-pulizija u ħarab minn fuq il-post, niżel minn triq ix-Xtut u għadda kontra l-*one-way* minn triq Santa Marija. Huwa għadda lejn id-direzzjoni tal-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-pulizija baqgħu isegwu lill-akkużat, u ħin minnhom rawh ġej mid-direzzjoni tal-parkeġġ għal fuqhom. Ix-xhud ta struzzjonijiet biex tingħalaq it-triq bil-vettura li tħalliet bil-*beacon lights* mixgħulin.

---

[10] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija nhar it-18 ta' Ġunju 2013, a fol. 48 sa 63 tal-atti proċesswali.

Dak il-ħin l-akkużat għafas il-gass, u irnexxilu jgħaddi biex saq lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Il-pulizija baqgħu jsuqu warajh sakemm tilfuh fil-Fontana. Huma ddeċidew li jmorru x-Xlendi u filfatt sabu l-vettura ta' l-akkużat ipparkjata fi Triq ir-Ranċiż quddiem il-blokka tal-appartamenti fejn kien joqgħod l-akkużat. Ix-xhud qal li niżel mill-vettura u nnota li l-vettura ta' l-akkużat kienet għadha qed tfaqqa' għax kienet għada sħuna. Il-bieb tal-komun ta' l-appartamenti kien magħluq u imsakkar u għalhekk bdew idoqqu l-qanpiena iżda ma' fetaħ ħadd u għalhekk ix-xhud ta' struzzjonijiet lill-kollegi tiegħu biex jifqgħu l-bieb li kien ta' l-aluminju. Huwa ċempel l-għassa sabiex ikun jaf in-numru ta' l-appartament ta' fejn joqgħod l-akkużat u marru jħabbtu. Huma qalulu li kienu pulizija u qalulu biex jiftaħ iżda baqa' ma' fetaħx u allura x-xhud reġa' ta struzzjonijiet sabiex jinfaqa' l-bieb 'l ġewwa, peress li ħaseb li l-akkużat seta' jarmi xi ħaġa għaliex huwa kien ħarab minn fuq il-post meta ra lill-pulizija ġewwa Marsalforn. L-ewwel ma daħal fl-appartament kien PC138 Joseph Portelli u warajh PC870 Ruben Farrugia. Ġewwa kien dlam ċappa u PC138 Joseph Portelli xegħel torċ. Hemmhekk ix-xhud ra lill-akkużat fil-kuridur u beda' jistaqsi x' ġara. PC138 Joseph Portelli infurmah li ġew jarrestawh peress illi kien kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja. Ix-xhud qal li l-akkużat beda' jirreżisti l-arrest, u dan anke meta daħħlu bih fil-kamra tas-sodda u għalhekk ix-xhud ta' struzzjonijiet sabiex iniżluh ma' l-art. Bdew jikkumbattu miegħu għaliex kellu idejh taħt żaqqu u ma setgħux jagħmlulu l-manetti. Meta irnexxielhom jimmanettjawh, ix-xhud qallu jpoġġi fuq is-sodda u infurmah li kienu ser jagħmlu tfittxija. Ix-xhud qal ukoll li l-akkużat kellu riħa qawwija ta' alkoħol u allura pprova jagħmillu it-test tal-breathalyzer b' magna li l-pulizija kellhom fil-vettura, iżda irriżulta li din ma' kienitx qed taħdem. Il-pulizija ħadu lill-akkużat ġewwa l-għassa r-Rabat, Għawdex u wara xi siegħa u nofs ix-xhud reġa' għamillu l-breathalyzer u rriżulta li kulma tela' kien (~26). Ix-xhud ta' struzzjonijiet lil PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia sabiex iniżżlu lill-akkużat fil-*lock-up* kif kien ġie ordnat jagħmel mill-Ispettur Bernard Spiteri.

Muri r-ritratti eżebitti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali x-xhud qal li waqt li kienu fl-appartament intebaħ li l-akkużat kellu l-grif li jidhru fir-ritratt immarkat bħala Dok BCS1. Rigward il-ġrieħi 'l oħra li jidhru fir-ritratti immarkati bħala BCS2 sa BCS12, ix-xhud qal li ma' kienx innuthom. Ix-xhud kompla jixhed li

sussegwentement huwa kien spiċċa investigat mill-pulizija għaliex l-akkużat kien bagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Prim Ministru jallega li kien ġie imsawwat mill-pulizija.

In-kontroeżami x-xhud reġa' kkonferma li dakinhar li l-pulizija kienu qed isegwu lill-akkużat bil-vettura huwa identifika lill-akkużat darbtejn, darba kien ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu waqt li kemm hu u l-akkużat kienu fil-vetturi rispettivi tagħhom u darb' oħra meta waqfuh u għalqulu l-aċċess bil-vettura ġewwa Marsalforn. Ix-xhud ikkonferma li hu u l-kollegi tiegħu kollha kienu armati u kkonferma ukoll li PC138 Joseph Portelli kien ħareġ il-pistola tiegħu iżda ma kienx ċert dwar jekk PC870 Ruben Farrugia wkoll ħariġx il-pistola tiegħu. Ix-xhud ikkonferma ukoll li Portelli kien *black belt.* Ix-xhud qal li bdew jissuspettaw li l-akkużat seta' kellu xi droga jew xi ħaġa oħra moħbija fl-appartament iżda mit-tfittxija li saret ma' sabu xejn. Ikkonferma li lanqas ma sabu xi arma waqt t-tfittxija. Ix-xhud innega li seta' ra lil xi ħadd mill-kollegi tiegħu jsawwat jew iweġġa' b' xi mod ieħor lill-akkużat.

Illi xehed PC138 Joseph Portelli[11] li qal li fil-lejl ta' bejn il-14 u s-15 ta' April kien qed jagħmel xogħol ta' ronda bil-lejl flimkien ma' PS 715 Lucian Gatt u PC 870 Ruben Farrugia meta, għall-ħabta ta' 11.50pm waqt li kienu għaddejjin minn Triq il-Qolla s-Safra Marsalforn u hu kien qed isuq il-vettura tas-servizz, raw vettura tat-tip Fiat Punto blu bin-numru ta' reġistrazzjoni BON114 li kienet issejjaħ lil Charles Paul Muscat. Peress illi kienu jafu li l-akkużat kien fuq *libertà proviżorja,* iċċekkjaw ma' l-għassa tar-Rabat Għawdex x'kienu l-kundizzjonijiet li bihom kien marbut u kkonfermaw li hu kellu jkun id-dar f'nofs il-lejl. Huma komplew bir-ronda tagħhom u għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu kienu għaddejjin minn Triq Manuel Magro, ġewwa Marsalforn, meta raw din il-vettura misjuqa mill-akkużat stess ġejja fid-direzzjoni tagħhom. Ix-xhud għamillu sinjal biex jieqaf u PC870 Ruben Farrugia ħareġ biex ikellmu iżda fil-pront l-akkużat saq fid-direzzjoni tiegħu, tant li kellu jersaq għaliex inkella kien se jolqtu u l-akkużat ħarab minn fuq il-post. Huwa niżel minn Triq ix-Xtut u x-xhud dawwar il-vettura u saq warajh. L-akkużat mar fid-direzzjoni tal-parkeġġ ta' Marsalforn u l-pulizija għaddew mit-triq prinċipali. Kif wasslu ħdejn ir-roundabout, ftit 'il bogħod minn Marsalforn

---

[11] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2013 a fol. 64 sa 93 ta' l-atti proċesswali.

Hotel, raw lill-akkużat ġej mid-direzzjoni tal-parkeġġ għal fuqhom. Ix-xhud għamel manuvra biex jagħlaq it-triq bil-vettura u l-akkużat baqa' isuq u għadda bi żbrixx bejn il-vettura u l-bankina. Huma komplew isegwuh u PS 715 Lucian Gatt talab l-assistenza tal-pulizija ta' l-Għassa tar-Rabat sabiex jinterċettaw lill-akkużat f'salib it-toroq. Il-pulizija baqgħu jsuqu minn wara l-knisja u niżlu x-Xlendi fejn raw il-karozza ta' l-akkużat ipparkjata quddiem il-blokka t' appartamenti fejn kien joqgħod l-akkużat. Il-Pulizija waqqfu u marru jħabbtu il-bieb iżda ma' fetaħ ħadd u allura ddeċidew jifqgħu l-bieb tal-aluminju u daħlu ġewwa. Imbagħad ċemplu l-għassa sabiex iġibu n-numru ta' l-appartament ta' fejn joqgħod l-akkużat u marru jħabbtu. Huma qalulu li kienu pulizija u qalulu biex jiftaħ iżda baqa' ma' fetaħx u allura faqgħu l-bieb 'l ġewwa u daħħlu hu, PC870 Ruben Farrugia u u PS715 Lucian Gatt. Kif daħlu bit-torċijiet raw lill-akkużat fil-kamra tas-sodda liebes il-boxer shorts u li kien qed jistaqsi x' ġara. L-akkużat beda' sejjer fid-direzzjoni tagħhom u huma qalulu jieqaf u jinżel ma' l-art. Ix-xhud qali li l-akkużat m'obdiex dawn l-ordnijiet u hu u PC870 Ruben Farrugia qabduh minn id kull wieħed u ppruvaw iniżżluh ma' l-art. L-akkużat irreżistihom u wara li rnexxielhom iniżżluh ma' l-art PS715 Lucian Gatt tahom struzzjonijiet biex jimmanettjawh. Waqt li kienu qed iżommuh ma' l-art kemm-il darba pprova jdur wiċċu 'l fuq. Qabel ma rnexxielhom jagħmlulu l-manetti, l-akkużat tefa' idejh taħt żaqqu u allura ma setawx jagħmluhom. Meta fl-aħħar irnexxielhom, poġġewh fuq is-sodda u għamlu tfittxija fl-appartament għaliex kellhom suspett li seta' kellu xi ħaġa illegali u li kien għalhekk li kien ħarab. Ftit wara wasal PC625 Josef Saliba mill-għassa tax-Xlendi u x-xhud induna li l-akkużat kien irnexxielu jġib il-manetti 'l quddiem. Ftit wara wasslu ukoll PS581 Loreto Buttigieg, PC1053 Michael Falzon u WPC133 Althea Sammut. F'ħin minnhom l-akkużat qal lix-xhud li l-manetti kienu qed iweġġawh u għalhekk illaxkalu waħda minnhom. It-tfittxija rriżultat fin-negattiv u iddeċidew jagħmlulu it-test tal-breathalyzer. PS715 Lucian Gatt taħt it-twissija u informah li kien taħt arrest. Il-magna tal-breathalyzer kellha bżonn nofs siegħa biex taħdem iżda wara li għadda dan il-ħin irriżulta li din ma' kienitx qed taħdem tajjeb. Għalhekk il-pulizija ħadu lill-akkużat ġewwa l-għassa r-Rabat, Għawdex biex jagħmlulu t-test tal- breathalyzer li rriżulta fin-negattiv.

Ix-xhud qal li waqt li kienu fi triqithom lejn ir-Rabat l-akkużat qallu li hu kien imqabbad miegħu. Qallu "għax mort tgħid ma pulizija illi qabel tarani l-ħabs ma tistrieħx inti" iżda mistoqsi minn qallu dan id-diskors, l-akkużat ma riedx jgħid. Skont ix-xhud l-akkużat qallu ukoll li kien ipprova jħassarlu l-familja. Mill-għassa, hu u PC870 Ruben Farrugia niżżlu lill-akkużat fil-*lock-up* fejn PC1279 David Theuma Scerri staqsa lill-akkużat kellux bżonn jara tabib u l-akkużat qal li xtaq jinforma lil nannuh u ma' kellux għalfejn jara tabib. Kien qallu ukoll li kien ibagħti mill-asthma u forsi ikollu bżonn il-ventolin.

Ix-xhud kompla jixhed li xi ġranet wara kienu bagħtu għalihom mill-Għassa tar-Rabat għaliex kien sar rapport li kienu kkaġunaw xi feriti lill-akkużat.

Muri r-ritratti eżebiti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali x-xhud qal li dakinhar stess kienu raw li l-akkużat kellu l-grif fuq dahru li jidhru fir-ritratt immarkat bħala Dok. BCS1. Mistoqsi jafx kif seta' saru dawk il-grif, ix-xhud qal li jista' jkun saru meta poġġa rkopptejh fuqu u kien qed jiċċaqlaq biex iqum. Rigward il-ġrieħi 'l oħra li jidhru fir-ritratti immarkati BCS2 sa BCS12, ix-xhud qal li dakinhar ma' kienx rahom.

Dwar il-kuntatt fiżiku li kellhom ma' l-akkużat, ix-xhud qal li hu u PC870 Ruben Farrugia qabduh minn idu, u ppruvaw iniżżluh wiċċu 'l isfel u bdew jgħidulu biex jinżel wiċċu 'l isfel. Peress illi beda jirrifjuta huma kellhom iniżżluh bil-forza u hu baqa' jżommu mill-ispalla u idu sakemm PC870 Ruben Farrugia libbsu l-manetti. Qal li peress illi l-akkużat kien f'xi ħinijiet, qed jipprova jqum wiċċu 'l fuq, hu beda' jimbottalu rkopptejh 'l isfel sabiex ma' jkunx jista' idur u dan sabiex jimmanettjawh u jqajmuh. Ix-xhud qal li sussegwentement hu u l-kollegi tiegħu kienu investigati mill-pulizija għaliex l-akkużat kien bagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Prim Ministru jallega li l-pulizija kienu ferewh. Ix-xhud qal li ma' setax jifhem kif ġew it-tbenġil taħt għajnejh, fuq moħħu u saqajh. Ix-xhud qal li meta waslu kollegi oħra fuq il-post l-akkużat ma' kien ilmenta dwar xejn magħhom.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li hu għandu Black belt fl-arti marzjali, liema Black belt hija tat-tielet grad. Ix-xhud ikkonferma wkoll li fil-karozza kien għaraf

lill-akkużat u mhux il-karozza biss. Ix-xhud innega li kien hu li għamillu l-grieħi li jidhru fir-ritratti u dwar id-daqqa fuq moħħu qal li mhux hu għamilhielu iżda jista' ikun li ħabatha u hu nieżel ma' l-art peress illi kienu qed jissaraw miegħu. Ix-xhud innega dak kollu allegat fil-konfront tiegħu mill-akkużat liema allegazzjoni saru f'dikjarazzjoni magħmula mill-akkużat u eżebita in atti bħala Dok. BCS 13.

Illi xehed PC870 Ruben Farrugia[12] li fl-14 ta' April 2013 għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin għaxra, waqt li kien qiegħed jagħmel ronda flimkien ma' PS715 Lucian Gatt (li kien fuq quddiem) u PC138 Joseph Portelli (li kien qed isuq), għaddew minn Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn u nnutaw il-vettura tat-tip Fiat Punto ta' kulur blu bin-numru ta' reġistrazzjoni BON114 li juża l-akkużat Charles Paul Muscat ipparkjata  quddiem id-dar ta' ċerta "Leli l-Malti". Peress illi kienu jafu li l-akkużat kien fuq *libertà proviżorja,* is-surġent ċempel l-għassa tar-Rabat Għawdex sabiex jiċċekkja l-kundizzjonijiet li bihom kien marbut u fil-fatt ikkonfermaw li hu kellu jkun id-dar f'nofs il-lejl. Huma komplew bir-ronda u għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu kienu għaddejjin minn Triq Manuel Magro, ġewwa Marsalforn, meta ġew wiċċ imb'wiċċ mal-vettura imsemmija li kienet misjuqa mill-akkużat stess. Huwa kien ġej *head-on* għal fuqhom. Ix-xhud qal li setgħu jagħrfu lill-akkużat għaliex kellhom id-dawl tal-vettura tagħhom jagħti għal fuqu u t-triq kienet mixgħula. Ix-xhud ħareġ mill-vettura biex iwaqqaf lill-akkużat iżda dan ppanikkja u saq għal fuqu u ħarab minn fuq il-post, niżel minn Triq ix-Xtut u għadda kontra l-*one-way* minn triq Santa Marija. Huwa mar fid-direzzjoni tal-parkeġġ ta' Marsalforn. Baqgħu isegwu lill-akkużat, u ħin minnhom raw lill-akkużat ħiereġ mill-parkeġġ. Huma ppruvaw jagħlqu t-triq bil-vettura tagħhom li kellha l-*beacon lights* mixgħulin. Dak il-ħin l-akkużat għafas il-gass u għadda bi żbrixx minn magħhom u saq lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Il-pulizija baqgħu jsuqu warajh sakemm wasslu x-Xlendi fejn sabu l-vettura ta' l-akkużat ipparkjata kontra l-*one way* fi Triq ir-Ranċiż Xlendi quddiem il-blokka appartamenti fejn kien joqgħod l-akkużat. Innotaw li s-silencer tal-vettura ta' l-akkużat kien għadu jfaqqa għaliex il-vettura kienet għada sħuna. Il-bieb tal-komun ta' l-appartamenti kien magħluq u l-pum kien imkisser għalhekk ma setax jinfetaħ minn barra. Huma bdew iċemplu l-qniepen iżda ma' fetaħ ħadd, għalhekk PC138 Joseph

[12] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 94 sa 122 ta' l-atti proċesswali.

Portelli ta' daqqa ta' sieq lill-panew tal-bieb ta' l-aluminju u daħħlu jdejhom biex jiftħu l-bieb minn ġewwa bil-pum iżda ma rnexxilhomx għaliex kien imsakkar għalhekk daħħlu minn taħt. Is-surġent ċempel l-għassa tar-Rabat sabiex iġibu n-numru ta' l-appartament ta' fejn joqgħod l-akkużat u marru jħabbtu filwaqt li qalulu li kienu pulizija. Peress illi baqa' ma' fetaħx s-surġent ordna li jifqgħu l-bieb 'l ġewwa u daħħlu. L-appartament kien mudlam u għalhekk daħlu bit-torċ f'idejhom.  X' ħin bdew mexjin fil-kuridur raw lill-akkużat ħiereġ minn ġol-kamra tas-sodda. PC138 Joseph Portelli qallu biex jieqaf u ordnalu jinżel ma' l-art. Peress illi m' obdiex, is-surġent ordnalhom iniżżluh ma' l-art u allura qabduh u niżżluh wiċċu ma' l-art bejn is-sodda u l-ħajt. L-akkużat ippanikja u qalilhom iħalluh u pprova jiċċaqlaq u jqum kemm-il darba minn taħthom. L-akkużat kien liebes biss boxer shorts. PC138 Joseph Portelli kellu rkopptejh fuq daru biex iżommu 'l isfel u imbagħad għamlulu l-manetti. Il-pulizija komplew jagħmlu tfittxija fl-appartament. F'ħin minnhom l-akkużat qal li l-manetti kienu qed iweġġawh u għalhekk PC138 Joseph Portelli illaxkalu waħda minnhom. Ftit wara wasslu ukoll PS581 Loreto Buttigieg, PC1053 Michael Falzon u WPC133 Althea Sammut peress illi x-xhud qal li kienu talbu l-assistenza permezz tar-radju. Sadanittant ippreparaw il-magna għat-test tal-breathalyzer peress li kellha bżonn nofs siegħa biex taħdem iżda wara li għadda dan il-ħin irriżulta li din ma' kienitx qed taħdem tajjeb. Il-pulizija marru jagħmlu tfittxija fil-karozza ta' l-akkużat u imbagħad ħaduh l-għassa r-Rabat, Għawdex. Ix-xhud qal li meta wasslu kollegi oħra fuq il-post l-akkużat ma' kien ilmenta dwar xejn magħhom ħlief li kellu l-manetti ssikkati. Ix-xhud kompla jgħid li waqt li kienu fi triqithom lejn ir-Rabat l-akkużat qal lil PC 138 Joseph Portelli li kien ilu mqabbad miegħu u li qabel ma jaraħ il-ħabs ma kienx se jistrieħ. L-akkużat, madanakollu, ma riedx jgħid min qallu dan id-diskors. Skont ix-xhud l-akkużat qallu wkoll li kien ipprova jħassarlu l-familja. L-għassa r-Rabat, Għawdex reġa' għamillu l-breathalyzer iżda peress illi kienet għaddiet xi siegħa u nofs irriżulta fin-negattiv.

Sussegwentement ħaduh il-*lock-up* fejn l-pulizija tal-*lock up* staqsih kellux bżonn jara tabib u l-akkużat qal li xtaq jinforma lil nannuh u ma' kellux għalfejn jara tabib. Kien qallu ukoll li kien ibagħti mill-asthma u forsi ikollu bżonn il-ventolin.

Muri r-ritratti eżebitti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali x-xhud qal li, b' referenza għad-daqqa fuq għajnejh fir-ritratt immarkat bħala BCS11, din ma' kienitx hemmhekk sal-ħin li ħaduh il-*lock up u* qal ukoll li kieku tal-*lock up* kien ra d-daqqa kien fid-dmir jieħdu l-isptar. Rigward il-ġrieħi fuq saqajh fir-ritratt immarkat bħala BCS12, ix-xhud qal li ma' kienx rahom u kieku kienu hemm kien jarahom għaliex l-akkużat kien liebes *boxer shorts* b'saqajh mikxufin. L-istess qal għall-bqija tar-ritratti ħlief għal girfa fuq dahru li tidher fir-ritratt immarkat bħala BCS1 li x-xhud qal kien raha meta arrestawh u fil-fatt ikkonferma li saret minn PC138 meta qagħad fuq dahru.

Ix-xhud qal li wara dan l-episodju kienu bagħatu għalihom is-Sur Tabone u s-Sur Simon Galea għaliex l-akkużat kien allega li kienu sawtuh u li dan ix-xhud kien offendih. Ix-xhud qal li kemm hu u kif żewġ kollegi l-oħra li kienu miegħu irrilaxxaw stqarrija dwar dan. Ix-xhud innega li f' xi ħin kien sawwat jew offenda lill-akkużat.

In kontro eżami x-xhud innega li qatt kellu xi inkwiet ma' l-akkużat u fil-fatt qal li kienet l-ewwel darba li ltaqa' miegħu. Ix-xhud qal li ma' kienx tal-fehma li kellhom bżonn struzzjonijiet biex jifqgħu l-bieb għaliex bl-atteġġjament ta' l-akkużat u ċioè kienu rawh ħdejn Leli l-Malti li hu magħruf bħala traffikant tad-droga, prova isuq għal fuq ix-xhud u jtajjru u ma waqafx għal aktar minn darba, ġiehom suspett li kellu xi ħaġa illegali li seta' jarmi jew jiddisponi minnha b' xi mod. Ix-xhud ikkonferma li ma' sabulu xejn.

Xehed l-Avukat Dottor Joseph Grech[13] in rappreżentanza tal-kumpanija Vodafone li intalbet informazzjoni dwar *localisation* relattivament għal perjodu ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 fuq in-numru tal-mobile 99902184 u kif ukoll informazzjoni dwar *incoming u outgoing calls* u messaġġi minn u għall-istess numru u ppreżenta Dok. JG1[14] b' din l-informazzjoni.

[13] Ara ix-xhieda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Marzu 2014 a fol. 182 ta' l-atti proċesswali.
[14] Ara fol.183 sa 188 ta' l-atti proċesswali.

Xehed it-tabib Dr Joseph Farrugia[15] li ppreżenta ċertifikat mediku bħala Dok JF1[16] liema ċertifikat huwa kien irrilaxxa wara li kien ra lill-akkużat fid-dipartiment ta' l-Emerġenza ġewwa l-Isptar Ġenerali t' Għawdex fil-15 ta' April 2013. Ix-xhud qal li l-akkużat illiċenzja lilu nnifsu mill-isptar (*discharged himself*). Skont ix-xhud l-ġrieħi li sablu meta eżaminah kienu kompatibbli ma' xebgħa jew daqqa jew daqqiet. Ix-xhud qal li huma ċemplu lill-pulizija peress illi mill-ġrieħi li kellu qisu kien qalha xebgħa. In kontro eżami x-xhud ikkonferma li jista' jkun li l-ġrieħi li ċċertifika hu kienu kompattibbli ma' dak li qallu l-akkużat *a tempo vergine* u ċioè li l-pulizija kienu daħħlu fuqu d-dar u kienu tefgħuh ma' l-art u sawtuh.

Illi xehdet it-Tabiba Dr Nathalie Gatt Ellis[17] li qalet li fit-18 ta' April 2013, għall-ħabta tas-6:40pm, l-akkużat irrikorra fl-Emerġenza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, akkumpannjat minn nannuh. Hi eżaminatu għaliex allega li tlett' ijiem qabel kif safa' msawwat minn tlett pulizija u kien għadu qed jilmenta minn sturdament b'dalma. Eżaminatu u ma kienx hemm sinjali newroloġiċi biex jindawk li jsir CT Scan dak il-ħin. Peress illi fil-passat kellu *brain surgery* ġie deċiż li jiġi rikoverat l-isptar għal *head injury charting*. Ix-xhud eżebiet ċertifikat mediku bħala Dok. NE1.[18]

Illi xehed it-tabib Dr John Borg[19] li qal li kien ra lill-akkużat fid-19 ta' April 2013 ġewwa s-sala ta' l-irġiel ġewwa l-Isptar Ġenerali t' Għawdex. Huwa qal li l-akkużat kien ittieħed l-Emergenza mill-pulizija fit-18 ta' April 2013 peress illi huwa kien taħt arrest u beda' iħossu ħażin. Ix-xhud eżebbixa 5 dokumenti eżebiti bħala Dok. JB1 sa JB5.[20] Qal li l-ewwel inżammi fil-Male General Ward fl-Isptar għal aktar osservazzjoni iżda mbagħad wara li ġie rilaxxat, inżamm għal xi żmien fix-*Short Stay Ward* fl-istess Sptar għax kien għadu tense u anzjuż. Huwa dam għaxart' ijiem hemm.

---

[15] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Marzu 2014 a fol. 188 sa 193 ta' l-atti proċesswali.
[16] Ara a fol. 194 ta' l-atti proċesswali.
[17] Ara x-xhieda tagħha mogħtija a fol. 208 sa 209 ta' l-atti proċesswali.
[18] A fol. 211 ta' l-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 212 sa 217 ta' l-atti proċesswali.
[20] A fol 218 sa 222 ta' l-atti proċesswali.

Xehed Emanuel Cini[21] in rappreżentanza tal-Go plc li ppreżenta Dok. EC2, dokument dwar in-numru tal-mobile 79318080 li rriżulta li kien irreġistrat fuq ċertu John Sultana.[22]

Illi xehed it-tabib Dr Peter Muscat[23] li qal li ma' kellux notamenti li hu kien eżamina lill-akkużat fil-15 ta' April 2013. Huwa qal li l-akkużat pazjent tiegħu u allura kien tal-fehma li rah aktar minn darba fil-passat.

Xehed PS 820 Jonathan Vella[24] li qal li fil-15 ta' April 2014 kien xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-għassa r-Rabat, Għawdex meta għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu kellmuh pulizija tal-*mobile squad* li talbu l-assistenza tagħhom sabiex joħroġu jwaqqfu lill-akkużat peress illi kien ħarab minn Marsalforn. Peress illi kien waħdu l-Għassa, minn fuq ir-radju, talab lill-kollega tiegħu li kien barra bil-karozza biex jassistih. Sadanittant huwa mar jilbes il-*fluorescent jacket* u ħareġ barra u ftit 'l hemm mill-għassa ra Fiat Punto blue tiela' b' veloċità qawwija lejn il-bus terminus. Din il-vettura ma' waqqfitx fuq l-*stop signs* u lanqas mal-give ways. Ix-xhud għaraf li l-akkużat kien qed isuq dik il-vettura u qal li li seta' jagħrfu peress illi hemmhekk kien imdawwal.

Xehed PS 581 Loreto Buttigieg[25] li qal li fil-15 ta' April 2013 għall-ħabta tas-siegħa ta' fil-għodu PS 715 Lucian Gatt infurmah permezz tar-radju biex imur ix-Xlendi għaliex kienu qed isegwu karozza. Dak il-ħin kien qed jagħmel ronda fil-Marina tax-Xatt fi triqtu lejn ix-Xlendi. Huwa għadda mix-Xewkija u baqa' nieżel ix-Xlendi fejn iltaqa' ma PC625 Josef Saliba li kien stazzjonat ix-Xlendi. Huma marru fit-triq li kienet indikata lilhom u raw karozza tal-mobile pparkjata hemmhekk. Hemmhekk ċempel lil PS 715 Lucian Gatt li qallu fejn kienu u indikalu li l-parti t' isfel tal-bieb tal-komun kien imkisser. Huma telgħu bit-torċ u sabu l-bieb ta' l-appartament miftuħ u fil-kamra ta' ġewwa nett sab lill-kollegi tiegħu. PS715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia kienu qed jitkellmu ma' l-akkużat li kien bil-qegħda fuq is-sodda bil-qalziet ta'

---

[21] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Marzu 2014 a fol. 223 ta' l-atti proċesswali.
[22] A fol.224 ta' l-atti proċesswali.
[23] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Mejju 2014 a fol. 240 sa 241 ta' l-atti proċesswali.
[24] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Mejju 2014 a fol. 242 sa 246 ta' l-atti proċesswali.
[25] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Mejju 2014 a fol. 247 sa 252 ta' l-atti proċesswali.

taħt u mmanettjat min-naħa ta' wara. Huma kienu preżenti waqt li l-pulizija tal-mobile għamlu tfittxija. Waqt li s-surġent kien qed ikellem lill-akkużat huwa nnota li l-akkużat kellu l-parti ta' wara ta' dahru li kienet ħamra.

Muri r-ritratti eżebitti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali x-xhud qal li dakinhar stess kien ra li l-akkużat kellu marki ħomor fuq dahru li jidhru fir-ritratt immarkat bħala Dok. BCS1. Rigward il-ġrieħi 'l oħra li jidhru fir-ritratti immarkati BCS2 sa BCS12, ix-xhud qal li ma' kienx rahom. In kontro-eżami ix-xhud qal li ma semax argumenti bejn l-akkużat u l-pulizija waqt li kienu fl-appartament iżda kull ma sema' kien diskors relatat mat-tfittxija. Ix-xhud qal li dam fuq il-post madwar għoxrin minuta jew nofs siegħa.

Xehed PC625 Josef Saliba[26] li qal li fil-15 ta' April 2013 waqt li kien xogħol ix-Xlendi irċieva telefonata fuq il-mobile mingħand PS820 li talbu jmur jassisti lill-pulizija tal-mobile ġewwa r-residenza ta' l-akkużat. Hu u miexi ltaqa' mal-pulizija tad-distrett u PS581 Loreto Buttigieg ċempel lil PS715 Lucian Gatt sabiex jindikalhom fejn kienet il-blokka ta' l-appartamenti. Huma daħlu mill-parti imkissra tal-bieb ta' l-aluminju u daħlu fl-appartament fejn sabu tlett pulizija oħra u l-akkużat li kien fuq is-sodda. Il-kollegi tiegħu kienu qed jagħmlu tfittxija u huma baqgħu hemmhekk biex iħarsu l-bon ordni. Huwa dam hemmekk madwar nofs siegħa jew tlett kwarti.

Muri r-ritratti eżebitti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali x-xhud qal li dakinhar stess kien ra li l-akkużat kellu marka ħamra fuq dahru li tidher fir-ritratt immarkat bħala Dok. BCS1. Rigward il-ġrieħi l-oħra li jidhru fir-ritratti immarkati BCS2 sa BCS12, ix-xhud qal li ma' kienx rahom.

Ix-xhud qal li l-akkużat mar minn kamra għall-kamra waqt it-tfittxija. Huwa qal li meta daħal fil-kamra tas-sodda l-akkużat kien bil-qegħda fuq is-sodda b'dahru lejn il-bieb u wiċċu lejn il-ħajt.

---

[26] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Mejju 2014 a fol. 253 sa 261 ta' l-atti proċesswali.

Illi xehed Emanuel Mercieca[27] li qal li ilu jaf lill-akkużat għal madwar tlettax jew erbatax-il sena. Huwa qal li fl-14 ta' April 2013 ċempillu l-akkużat sabiex imorru jieħdu birra flimkien. Huwa qal li l-akkużat wasal għall-ħabta tat-2:30 jew it-2:45 ta' wara nofsinhar u dak il-ħin sema' ħafna għajjat barra. Qal li l-akkużat kien ħa puncture u ħarġu jgħinuh il-ġirien. Qal li l-ewwel l-akkużat ried jieħu birra iżda mbagħad dawwar fehmtu. Aktar tard dakinhar stess, fil-11:20pm, ix-xhud kien tiela' id-dar bil-mixi minn ħdejn il-*Lighthouse supermarket* f' Marsalforn meta' ċempillu l-akkużat u staqsieh fejn kien. Fil-pront rah ħdejħ bil-karozza tat-tip Fiat Punto blu, fid-direzzjoni ta' Marsalforn, u qallu li kien imdejjaq għaliex kellu l-Qorti, kellu l-inkwiet u kellu t-tfal. Ix-xhud qallu biex jmur għandu għaliex ma kienx hemm bogħod għad dar, qisu ħames minuti bil-mixi, u ħadu tazza inbid flimkien. Dak il-ħin kienu ser jiskorru nofs il-lejl neqsin għoxrin u x-xhud issuġġerilu jorqod hemm għax ma kienx ser ilaħħaq imur id-dar peress illi f'nofs il-lejl kellu ikun id-dar. L-akkużat irrifjuta u allura x-xhud qallu biex jitlaq sabiex ilaħħaq. Ix-xhud kompla jgħid li l-għada, fit-8:30pm l-akkużat mar jgħidlu li kienu tawh xebgħa l-pulizija u fil-fatt kellu għajnejh minfuħa. Ix-xhud qal li l-akkużat qallu li l-inċident ma' pulizija kien ġara wara fejn joqgħod ix-xhud. Skont ix-xhud hu u l-akkużat kemm xorbu tazza inbid id-dar tiegħu, qalu kelma u l-akkużat mar id-dar.

Illi xehed PC 1279 David Theuma Scerri[28] li qal li fil-15 ta' April 2013 kien xogħol il-*lock-up* ta' Għawdex meta ġie infurmat mill-Għassa tar-Rabat, fis-2:30 ta' filgħodu, li kienu se jieħdu wieħed arrestat. Wara ftit marru PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia flimkien ma' l-akkużat. Bħalma kienet il-proċedura, ix-xhud ħadlu d-dettalji tiegħu u staqsieh kellux bżonn xi kura medika u l-akkużat kien qallu li kien ibagħti bl-asthma. Staqsieh kellux bżonn li jeħduh għal jew jġibulu l-*inhaler* għall-matul il-lejl u hu qal li ma kienx hemm bżonn. L-akkużat qallu li xtaq jinforma lil nannuh u tah in-numru tiegħu u x-xhud infurmah fit-2:40am. Sussegwentement tellgħu fiċ-ċella, talbu jmur *t-toilet* u talbu sulfarina jew *lighter* biex iqabbad sigarett. L-għada l-akkużat talab biex imur l-isptar. Din l-informazzjoni kollha tinsab f' dokument li x-xhud eżebixxa bħala

[27] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Novembru 2014 a fol. 428 sa 435 ta' l-atti proċesswali.
[28] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-4 ta' Frar 2015 a fol. 479 sa 484 ta' l-atti proċesswali.

Dok. DTS1. Ix-xhud żied jgħid li l-akkużat ma' ilmenta dwar xejn meta ġie reġistrat il-*lock-up* u deher f'kundizzjoni fiżika normali. In kontro-eżami x-xhud qal li wara ftit li kien ħalla lill-akkużat fil-*lock up* mar jiċċekkja fuqu u sabu rieqed fis-sodda.

Illi xehdet WPC133 Althea Sammut[29] li qalet li fil-15 ta' April 2013 kienet xogħol ta' bil-lejl, meta waqt li kienet fuq xogħol barra bil-karozza flimkien ma' PS581 Loreto Buttigieg u PC1053 Michael Falzon, PS715 Lucian Gatt talab l-assistenza tagħhom u għalhekk marru x-Xlendi fejn kien hemm il-karozza tas-servizz ipparkjata quddiem blokka appartamenti li kellu l-biċċa t' isfel tal-bieb ta' barra imkissra. Huma daħħlu minn dik il-fetħa għaliex il-bieb kien imsakkar u telgħu fuq. Kien hemm bieb miftuħ u daħlu u rat lill-pulizija tal-mobile jagħmlu tfittxija fil-kamra tas-sodda li kienet mixgħula u lill-akkużat bil-qegħda fuq is-sodda mmanettjat. Peress illi l-akkużat kien bil-qalziet ta' taħt hi ħarġet fil-kuridur. Hi qalet li kulma semgħet lill-akkużat jgħid kien biex iħollulu naqra l-manetti. Ħin minnhom l-akkużat għadda minn quddiemha u ratlu marka ħamra fuq in-naħa t' isfel ta' dahru. Murija r-ritratt eżebit a fol. 201 mmarkat bħala dok "FT6"[30] ta' l-atti proċesswali x-xhud reġgħet ikkonfermat li hi rat li l-akkużat kellu marka ħamra fuq dahru. Rigward il-ġrieħi l-oħra li jidhru fir-ritratti immarkati minn Dok FT3 sa Dok FT12[31] ix-xhud qalet li ma nnutathomx meta kienet fl-appartament tiegħu.

Xehed it-Tabib Dr Mario Scerri[32] li qal li kien ġie mgħoddi sett ta' ritratti mmarkati bħala Dok. BCS1 sa BCS11 u ġie mitlub jeżaminahom u jagħti l-opinjoni tiegħu dwarhom. Lill-akkużat hu qatt ma' eżaminah. Ix-xhud ippreżenta r-rapport tiegħu immarkat bħala Dok. MS1.[33] F'dan ir-rapport huwa jikkonkludi illi (i) Il-leżjonijiet deskritti fuq in-naħa tax-xellug tal-moħħ u tal-wiċċ b'involviment tal-għajn ix-xellugija huma kompatibbli ma' *blunt trauma*; (ii) il-leżjoni deskritta fuq in-nofs tad-dahar kienet kompatibbli ma abbrażjoni li setgħet tkun kompatibbli ma girfa; (iii) il-leżjonijiet deskritti fuq l-aspett posterolaterali tan-naħa tal-lemin tas-sider

[29] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-4 ta' Frar 2015 a fol. 487 sa 492 ta' l-atti proċesswali.
[30] Li huwa l-istess ritratt preċedentement eżebit bħala dok "BCS 1" a fol. 36
[31] Li huma l-istess ritratti preċedentement eżebiti bħala dok "BCS 2 sa BCS 11" a fol. 36
[32] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' April 2015 a fol. 507 sa 509 ta' l-atti proċesswali.
[33] Ara a fol. 510 sa 516 ta' l-atti proċesswali.

kienu jixħu marki ta' żarbun; (iv) l-abbrażjoni deskritta fuq l-aspett laterali tal-qasba tas-sieq il-leminijiet hija kompatibbli ma *blunt trauma*; (v) il-leżjonijiet huma kollha ta' natura ħafifa.

Xehed l-Ispettur Dennis Theuma[34] li kkonferma il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest datati 8 ta' Frar 2011, mogħtija mill-Maġistrat Dr Edwina Grima fil-kumpilazzjoni (Il-Pulizija l-Ispettur Dennis Theuma vs Charles Paul Muscat), li jinsabu eżebiti a fol. 151 sa 152 ta' l-atti proċesswali. Ix-xhud ikkonferma li dawn il-kundizzjonijiet għadhom fis-seħħ peress illi l-każ għadu għaddej.

Xehed l-ispettur Frank Anthony Tabone[35] li qal li fil-15 ta' April 2013 kien ċempillu l-Ispettur Bernard Spiteri li kien qallu li fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April kien ġie arrestat ċertu Charles Paul Muscat. Ftit wara infurmawh li ried ikellmu urġenti ċertu Gioacchino Galea, li jiġi n-nannu tal-akkużat, peress illi Charles Paul Muscat kien qed jallega li ġie msawwat mill-pulizija waqt l-arrest tiegħu. Wara li kellem lil Giacchino Galea li kkonfermalu din l-allegazzjoni, hu ta' struzzjonijiet lil PS698 Shaun Tabone, li kien xogħol il-*lock-up* dakinhar, biex iġiblu lill-akkużat biex jarah u jindaga x' kien ġara. Malli tellgħu lill-akkużat, mal-ewwel ra li kellu *black eye u* għalhekk informa lil PS698 Shaun Tabone b' din l-allegazzjoni u qallu biex jieħdu l-Isptar u anke tah ordni biex jirrilaxxah mill-arrest minħabba din l-allegazzjoni. PS698 Shaun Tabone imbagħad ċempel lill-Ispettur u qallu li minflok l-isptar lill-akkużat kien wasslu d-dar għand nannuh. Mitlub jagħti spjegazzjoni, s-surġent qallu li l-akkużat insista li ried imur l-isptar ma' nannuh u mhux mal-pulizija. Ix-xhud qal li ċċekkja ma' l-isptar u rriżulta li vera l-akkużat kien mar l-isptar u kien ġie eżaminat minn Dottor Farrugia li informa lill-Ispettur li l-akkużat kien iffirma d-*discharge letter* biex joħroġ mill-isptar. Dan kien ġie kkonfermat permezz ta' email mibgħuta mis-Supretendent ta' l-isptar Dr Nadine Delicata lill-Ispettur.[36] Sussegwentement l-Ispettur għamel kuntatt ma' l-akkużat sabiex imur ikellmu dwar ir-rapport li kienu għamlu l-pulizija fil-konfront tiegħu u kif ukoll dwar l-allegazzjonijiet tiegħu. Fil-fatt l-akkużat kien mar ikellmu flimkien ma nannuh l-għassa u kien tah sett ritratti ezebiti u mmarkati bħala Dok. BCS1

[34] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' April 2015 a fol. 518 ta' l-atti proċesswali.
[35] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' April 2015 a fol. 519(a) sa 523 ta' l-atti proċesswali.
[36] Ara Dok. FT15 a fol. 524 ta' l-atti proċesswali.

sa BCS12. L-akkużat kien qallu li l-ġrieħi li jidhru fir-ritratti kienu għamluhom l-pulizija. L-akkużat insista li xtaq ikellem lil avukat partikolari, kif kellu dritt jagħmel, iżda dan l-avukat kien impenjat b'ġuri u ma setax ikellmu. Minkejja li l-ispettur qallu li kellu jsib avukat ieħor, l-akkużat baqa' jinsisti li ried lil dak l-avukat partikolari u sussegwentement beda' jilmenta li kien qed iħossu ma' jiflaħx u li xtaq imur l-isptar.

Fil-fatt huwa mar l-isptar u kien ġie eżaminat min Dr Nathalie Gatt Ellis. L-ispettur ġie infurmat li l-akkużat inżamm l-isptar għall-osservazzjoni. Dakinhar stess l-Ispettur Tabone ġie infurmat minn Dr Borg li l-akkużat kien ġie ttrasferit għas-sala tax-*Short Stay* peress illi kien anzjuż ħafna. Sussegwentement l-Ispettur kien ġie kkuntattjat mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward email[37] li kien irċieva minn avukat ta' l-akkużat u li kienet forma ta' stqarrija ta' l-akkużat fejn spjega fid-dettal l-allegazzjonijiet tiegħu u l-Kummissarju tal-Pulizija talab li dawn l-allegazzjonijiet jiġu investigati sabiex jaraw kienux veritjeri jew le. L-Ispettur informa lill-Kummissarju b' dak li kienu rrappurtaw il-pulizija liema verżjoni kienet totalment differenti minn dik ta' l-akkużat. Immedjatament l-Ispettur bagħat għat-tlett pulizija involuti u informahom bl-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħhom. Dawn il-pulizija kienu rrilaxxaw stqarrija kull wieħed fejn ikkonfermaw ir-rapport li kienu għamlu huma stess. L-ispettur urihom ir-ritratti eżebiti a fol.36 fejn kollha kkonfermaw li dak muri fir-ritratt immarkat BCS1 kienu għamluhielu huma iżda ċaħdu li kienu għamlulu l-ġrieħi l-oħra li dehru fil-bqija tar-ritratti. L-ispettur ħejja r-rapport tiegħu u allega miegħu l-istqarrijiet tal-pulizija u l-allegazzjonijiet ta' l-akkużat u għaddihom lis-Superjuri tiegħu. Fil-kors ta' l-investigazzjoni l-Ispettur talab *call profile* ta' l-akkużat, minn liema irriżulta li ftit qabel l-inċident l-akkużat kien ċempel lil Emanuel Mercieca mix-Xlendi stess, fejn joqgħod l-akkużat. Kienet saret *call* oħra u mill-localisation irriżulta li saret mix-Xagħra. L-ispettur bagħat għal Emanuel Mercieca li rrilaxxa stqarrija fejn ikkonferma li fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 l-akkużat kien mar għandu u deher li ma' kienx sew. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes xi ħaġa Mercieca qal lill-akkużat biex jorqod għandu għaliex kien jaf li f' nofs il-lejl kellu ikun ġewwa u

[37] Ara a fol. 37 tal-proċess.

allura biex ma' jiksirx il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. L-akkużat baqa' jinsisti li ma' riedx jibqa' hemm u telaq id-dar.

Illi meta l-ispettur ġie infurmat li l-akkużat kien ser jiġi rilaxxat mill-isptar talbu appuntament sabiex ikellmu u jeħodlu stqarrija peress illi kien għadu ma' rrilaxxax stqarrija u kienu għaddew kważi xahar u nofs minn meta kien kellmu l-aħħar peress li kien inżamm l-isptar. L-interrogazzjoni ta' l-akkużat saret fl-24 ta' Mejju 2013. Sar ukoll konfront bejn l-akkużat u t-tlett pulizija involuti fl-allegazzjoni li għamel l-istess akkużat, fejn il-pulizija baqgħu jinsistu fuq il-verżjoni li kienu rrappurtaw u li kienu taw meta rrilaxxaw stqarrija. Sussegwentement kien ġie deċiż li l-akkużat jitressaq il-Qorti. Ftit wara, meta kienu diġà nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat, l-Ispettur ġie avviċinat minn Emanuel Mercieca fejn infurmah li kien avviċinat mill-akkużat u ċerta Sonia Vella li kienu hedduh biex ma jixhidx. Għalhekk l-akkużat kien tressaq ukoll mixli li kien hedded lil Emanuel Mercieca u talli kien kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u fil-fatt hu kien instab ħati minn Qorti diversament presjeduta.[38]

Xehed PS698 Shaun Tabone[39] li qal li għall-ħabta ta' April 2013 kien stazzjonat il-*lock-up* fil-garaxx tal-pulizija u malli daħal għax-xogħol fis-7:30 ta' filgħodu ġie infurmat li kien hemm l-akkużat miżmum il-l*ock-up*. Huwa tela' fuq u fetaħ iċ-ċella sabiex jara li kollox sew u dak il-ħin irċieva telefonata mingħand l-Ispettur sabiex itellgħu l-għassa tar-Rabat. Ftit wara l-Ispettur infurmah li l-akkużat kellu jiġi rilaxxat u kif reġgħu niżżluh il-*lockup* biex jiġbor l-affarijiet tiegħu, l-akkużat talabhom iwassluh lura d-dar u fil-fatt dan ix-xhud wasslu d-dar bil-karozza tas-servizz. Ix-xhud qal li l-akkużat kien ġie arrestat mal-lejl u kien innota li kellu daqqa fuq wiċċu u kellu għajnejh kaħlanija. Ix-xhud qal li l-akkużat kien allega li kien ġie imsawwat mill-pulizija waqt li kien qed jiġi arrestat mal-lejl.

Illi xehed PC1053 Michael Falzon[40] li qal li bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 kien qed jagħmel ronda ma' PS 581 Loreto Buttigieg u WPC133 Althea Sammut meta waqt li kienu ħdejn il-Marina tal-Imġarr ċempel is-surġent PS715 Lucian

[38] Ara is-sentenza esebita a fol. 693 sa 695 ta' l-atti proċesswali.
[39] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2015 a fol. 532 sa 534 ta' l-atti proċesswali.
[40] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2015 a fol. 535 sa 538 ta' l-atti proċesswali.

Gatt tal-*mobile squad* li talab għall-assistenza tagħhom għaliex kienu qed isegwu vettura. Huma marru fejn qalilhom u sabu lil PC625 Josef Saliba li indikalhom it-triq fejn kellhom imorru. Sabu l-karozza tal-mobile ħdejn appartament u x' ħin marru biex jidħlu fil-blokka sabu l-panewa ta' taħt il-bieb imkissra u daħlu minn taħtha. Fit-taraġ ma' kienx hemm dawl u meta daħħlu fl-appartament, fuq ġewwa nett, fil-kamra tas-sodda kien hemm l-akkużat bil-manetti bil-qiegħda fuq is-sodda u tlett pulizija. Huwa nnota li ll-akkużat kellu ħmura fuq dahru. Huwa qagħad hemm sakemm il-pulizija l-oħra lestew it-tfittxija.

Ix-xhud reġa' xehed darb' oħra[41] u qal li fil-kamra tas-sodda, kien ra sodda waħda biss li kienet fuq ix-xellug u ma' kienitx tmiss mal-ħajt. Huwa ppreċiża li lill-akkużat rah ftit mill-ġenb u ftit minn wara u mhux kompletament minn wara. Ix-xhud qal li ra li l-akkużat kellu ħmura fuq daru iżda fuq wiċċu ma' ralu xejn. Muri r-ritratti eżebitti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali[42] x-xhud qal li ma' kienx ċert rax l-ġrieħi fuq dahru hekk kif jidhru fir-ritratt immarkat bħala Dok. BCS1 u fil-fatt ma setax jikkonferma dak ir-ritratt. Li ra żgur kienet ħmura. Rigward il-ġrieħi l-oħra li jidhru fir-ritratti immarkati BCS2 sa BCS12, ix-xhud qal li ma' kienx rahom.

Illi xehed PC155 Charlton Xerri[43] li qal li fil-15 ta' April 2013 kien xogħol *first watch* fil-5:00am u ħa *handover* minn PC1279 David Theuma Scerri li kien xogħol ta' bil-lejl li qallu li kellhom lill-Charles Paul Muscat, l-akkużat, arrestat. Marru t-tnejn jiċċekkjaw fuq u sabuh rieqed u kull meta mar jiċċekkja fuqu sabu rieqed. Fit-8:00am l-akkużat qam u fetaħlu biex imur t-*toilet* u l-akkużat staqsih kellux mera u x' ħin ħareġ minn ġoċ-ċella induna li kellu *black eye.* Meta x-xhud staqsih x' ġara l-akkużat qallu li bil-lejl kien ġie imsawwat mill-pulizija. Kif sema' hekk ix-xhud għajjat lil PS698 Shaun Tabone li rah ukoll u l-akkużat talab li jkellem lill-Ispettur. Tellgħuh l-Għassa mil-*lockup* u rah l-Ispettur Tabone li qalilhom jieħduh l-isptar. PS698 Shaun Tabone ħadu l-isptar u x-xhud kompla

[41] Ara x-xhieda ulterjuri tiegħu mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2015 a fol. 704 sa 710 ta' l-atti proċesswali.
[42] Dok "BCS 1 sa BCS 12"
[43] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2015 a fol. 539 sa 542 ta' l-atti proċesswali.

xogħlu fil-*lock up*. In kontro-eżami x-xhud qal li s-sodda tal-*lock up* hija magħmula kemm mill-injam u kif ukoll mill-ħadid u tinsab minn ħajt għal ħajt.

Xehed it-tabib Dr Joseph Farrugia[44] in rappreżentanza ta' l-isptar Ġenerali t' Għawdex. minħabba diffikultajiet formalistiċi sabiex jippreżenta l-file mediku tal-akkużat, huwa reġa xehed[45] u dakinhar eżebixxa kopja tal-*medical file* ta' l-akkużat Charles Paul Muscat li ġie mmarkat bħala JF1.[46]

Xehed is-Supritendent Simon Galea[47] li qal li kien bagħat għalih il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, Pietru Paul Zammit, li urieh email[48] mibgħuta minn Dr Tonio Azzopardi għan-nom tal-akkużat. Sussegwentement hu u l-Ispettur Tabone bagħtu għal PC870 Ruben Farrugia, PS715 Lucian Gatt u PC138 Joseph Portelli fejn tawhom it-twissija u rrilaxxaw stqarrija kull wieħed. Kienet ittieħdet ukoll l-istqarrija ta' l-akkużat. Kemm l-akkużat kif ukoll l-pulizija żammew mal-verżjonijiet tagħhom.

Xehed l-Assistent Kummissarju Dr Mario Spiteri[49] li qal li f' Mejju 2013 kien irċieva file li fih kien hemm minuta mill-ex-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi sabiex jitla' għat-tehid ta' l-istqarrija ta' Charles Paul Muscat u dan peress illi kien hemm xi allegazzjonijiet li dan kien ġie imsawwat mill-pulizija. In kontro-eżami saret referenza għar-ritratti eżebiti a fol. 36 ta' l-atti proċesswali u x-xhud qal li kien rahom. Rigward ir-ritratt mmarkat bħala BCS12 ix-xhud qal li jidhirlu li kien staqsa lill-akkużat dwar dik il-ġerħa fuq saqajh u kien qallu li ma' jiftakarx kienitx saret mill-pulizija. Jiftakar li l-akkużat kien sostna ħafna fuq il-*black eye.* Ix-xhud qal li filwaqt li ma setax jgħid jekk dak li jidher fir-ritratt immarkat BCS1 kienitx marka ta' żarbuna, huwa ma setax jinnega li kien hemm inkontru bejn l-akkużat u l-pulizija għaliex irreżista l-arrest. Fuq domanda in kontro-eżami x-xhud qal li l-Pulizija kienet tal-fehma li dawn il-pulizija ma kienu

---

[44] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 702 sa 703 ta' l-atti proċesswali.
[45] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2015 a fol. 713 ta' l-atti proċesswali.
[46] A fol. 714 tra' l-atti proċesswali.
[47] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 728 sa 732 ta' l-atti proċesswali.
[48] A fol. 37 ta' l-atti proċesswali.
[49] Ara x-xhieda tiegħu moghtija fil-15 ta' Ġunju 2016 a fol. 748 sa 773 ta' l-atti proċesswali.

għamlu xejn li għalih kellhom jittieħdu passi kriminali fil-konfront tagħhom u dan anke wara li kien ġie kkonsultat il-Kummissarju tal-Pulizija.

Xehed Dottor Martin Bajada li esebixxa r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala Dok. MB1 fejn fih għamel analiżi tal-*call profile* tan-numru 9990-2184 meta dan kien fix-Xlendi, Marsalforn u x-Xagħra u jirriżulta illi saru xi telefonati kemm lil dan in-numru kif ukoll minnu waqt li kien jinstab fix-Xlendi, Marsalforn u x-Xagħra.[50]

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat xehed[51] f' dawn il-proċeduri u qal li nhar it-12 ta' April 2013, kienet marret għandu Għawdex, ċertu Sonia Vella li kienet ħabiba tiegħu u li kienet tgħix Malta. Hu ġabarha mix-xatt tal-Imġarr u ħadha l-appartament tiegħu fi Triq ir-Ranċiż, Xlendi. Is-Sibt ħarġu jieklu Marsalforn u kellhom xi jgħidu allura marru d-dar. Hi rieditu jwassalha lejn Malta iżda hu qalilha li kien sarlu l-ħin, għaliex hu kien marbut bil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fosthom li ma' jidħolx id-dar aktar tard minn nofs il-lejl. Marru jorqdu u meta qamu filgħodu qalilha biex joħorġu iżda hi ma' rieditx u qalet li kienet ser tibda' rieqda. Mar jiekol għand nanntu s-Sannat u hu u nieżel 'l isfel mar jieħu tnejn birra għand ta' Nona Bar, ix-Xlendi. Huwa pparkja fil-parkeġġ tax-Xlendi, mar jieħu tnejn birra iżda weħel hemm għaliex kien hemm ħuh u sħabu u spiċċa mar *party il-Paradiso* li qiegħed bejn ir-Rabat u x-Xlendi, ma' ċertu John Sultana. Dan kien għall-ħabta ta' l-4:00 ta' wara nofsinhar. Għal xil-11:30pm qal lil John Sultana biex iwasslu d-dar u x' ħin wasal quddiem id-dar induna li ma kellux iċ-ċwievet tad-dar iżda kellu biss tal-karozza. Ċempel lil John u staqsieh ħalliex iċ-ċwievet għandu u qallu le. Fetaħ il-bieb t'isfel li kien isserrat allura jinfetaħ għaliex hemm biċċa pum li tista' iddawwarha u l-bieb jinfetaħ. Sadanittant semgħatu Sonia Vella li kienet fl-appartament tiegħu u niżlet għalih sparata tistaqsi għaliex kien ħalliha hemmhekk. Hi qabdet daħlet idejha fil-but tiegħu, ħaditlu l-mobile u ċ-ċwievet u telqet 'l barra u hu baqa' fit-taraġ. Imbagħad induna li kienet sakkritu barra allura

[50] A fol. 789 sa 792 ta' l-atti proċesswali.
[51] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-6 ta' Lulju a fol. 811 sa 829 ta' l-atti proċesswali.

mar għand ħuh li joqgħod kważi faċċata tiegħu u għajjatlu u qallu jġiblu ċ-ċavetta. Ħuh ġablu ċ-ċwievet u mar għandu u qagħdu jilgħabu *Playstation,* ħadu tazza inbid, sigarett u qagħdu jitkellmu. Sar ftit tal-ħin u ħuh qallu li aħjar imur għax ried iqum kmieni biex iwassal lit-tifel l-iskola u l-akkużat qal li hu ukoll kellu jqum għax l-għada kien xogħol. Wara li telaq ħuh, neża' bil-boxer shorts u ntefa' fis-sodda. Xi għaxar minuri wara sema' ħafna għajjat u tisbit ġej minn ġol-komun. Wara sar jaf li kien tkisser il-panew tal-bieb ta' barra biex jgħaddu minn taħt. Imbagħad il-pulizija taw daqqa ta' sieq il-bieb ta' l-appartament tiegħu li kien tal-injam u tefgħuh ġewwa. Hu qam mis-sodda u ffriża jara tnejn ma' jafx min huma fid-dlam. Huwa qal li sabtulu rasu mal-ħajt diversi drabi. Ħin minnhom fetħulu saqajh berah u beża' li kienu ser jittorturawh. Imbagħad irnexxielhom jagħmlulu l-manetti, tefgħuh ma' l-art, tefgħuh fuq is-sodda u qagħad bil-qiegħda. PC 870 Ruben Farrugia offendih b'ommu u PC 138 Joseph Portelli qallu jħares fil-mera u għajjatlu pulċinell. X'ħin wasslu fuq il-post pulizija oħra, waqaf kollox. Huwa kien immanettjat fuq wara u irnexxielu jgħaddi saqajh u jġib idejh quddiem u libes qalziet. Sadanittant il-pulizija bdew jagħmlu tfittxija fl-appartament u fil-karozza ta' l-akkużat. Daħħluh fil-kamra tal-banju u għamlulu *strip search.* Imbagħad ħaduh l-Għassa tar-Rabat u għamlulu l-breathalyzer li ġie negattiv. Wara ħaduh il-*lock up.* Huwa qal lill-pulizija tal-*lock-up* li kien qala' xebgħa u talbu mera. Talabhom lighter u minflok tawh kaxxa sulfarini u tellawh fiċ-ċella fejn pejjep sigarett u raqad. Filgħodu qam b'għajnejh ma' setax jiftaħha u marru fuqu żewġ pulizija u staqsewh kif ġrat u qalilhom li kien għamilhielu PC138 Joseph Portelli. PS698 Shaun Tabone qal li dan il-pulizija u dan il-ħmieġ kien dejjaqhom. Dwar iċ-ċwievet li skont hu ħaditlu Sonia, l-akkużat qal li qatt ma' ħadhom lura.

Illi l-akkużat esebixxa sensiela ta' ritratti li ġew mmarkati bħala Dok. CA1 sa CA6.[52] Esebixxa ukoll DVD[53] tal-bieb tal-komun ta' l-appartamenti li deher mkisser u tal-bibien ta' l-appartamenti li kollha kienu tal-aluminju ħlief għal tiegħu li kien ta' l-injam.

---

[52] Ara a fol. 830 ta' l-atti proċesswali.
[53] Ara Dok. CA7.

Illi waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-akkużat inqratlu partijiet mill-istqarrija li kien irrilaxxa lill-pulizija peress li l-verżjonijiet huma kemxejn differenti minn xulxin, bħal per eżempju x'għamlet Sonia Vella meta kien barra mill-appartament, jew xi ġralu miċ-ċwievet tal-karozza u tal-appartament, fost l-oħrajn, u l-akkużat xehed li l-affarijiet kienu ġraw kif kien qed jixhed quddiem il-Qorti u mhux kif kien stqarr fl-istqarrija li kien rrilaxxa lill-pulizija. Qal li f'ebda mument ma kien Marsalforn u li Emanuel Mercieca ġie mqabbad jgħid dak id-diskors minn PC 138 Joseph Portelli għax dawn ħbieb. Qal li kien il-Paradiso ma Gianni Sultana

Xehed Roderick Muscat[54] li qal li hu jiġi ħu l-akkużat. Qal li fl-14 ta' April 2013 huwa kien ma' sħabu u niżel jixrob għand ta' Nona Bar, Xlendi u hemmhekk iltaqa' ma' ħuh, l-akkużat, li kien ma' sħabu. Qabel ma' telaq induna li ħuh kien ħalla ċ-ċwievet warajh u għalhekk ġabarhom. Meta mar lura d-dar ħa ċ-ċwievet ta' ħuh miegħu u dawn baqgħu għandu. Għal xil-11:00 jew il-11:30 semgħu jgħajjat minn isfel biex jitfgħalu ċ-ċwievet għax hu jżomm ċavetta *spare* ta' ħuh. Niżel jagħtih iċ-ċwievet għall-ħabta tal-11:00 jew 11:15 u staqsieh setax imur għandu għal tazza inbid u mar għandu u qagħdu jilgħabu playstation għal madwar siegħa. X' ħin sar il-ħin qallu li kellu jmur għax l-għada kellu jwassal lit-tifel l-iskola. Huwa qal li dakinhar l-aħħar li ra lil ħuh kien ftit qabel is-siegħa ta' filgħodu u dan fl-appartament tiegħu. In kontro-eżami x-xhud qal li ma' kienx jaf fejn kienet ipparkjata l-vettura ta' ħuh. Qal ukoll li meta mar fl-appartament ta' ħuh, kemm dam hemmhekk ma ra lil ħadd. Huwa kkonferma li mingħand Ta' Nona ġabar biss ċ-ċwievet ta' l-appartament ta' ħuh.

Xehed Giaccino Galea[55] li qal li hu jiġi n-nannu ta' l-akkużat. Qal li fil-15 ta' April 2013 fit-3:30am irċieva telefonata mingħand il-pulizija tax-Xlendi fejn ġie infurmat li Charles Paul Muscat kien inġabar mill-pulizija u qallu ukoll biex imur peress illi kemm il-bieb t'isfel tal-komun u kif ukoll l-bieb tal-appartament miftuħin u mkissrin. Hu u martu marru l-appartament li kien kollu mixgħul. Ipprova jagħlaq il-bieb imma s-serratura kienet mfarrka u l-bieb milwi. Il-bieb ta' barra kellu panewa mifqugħa u s-serratura ma' taħdimx. Ħa lill-mara lura d-dar

---

[54] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Lulju 2017 a fol. 833 sa 838 ta' l-atti proċesswali.
[55] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Lulju 2017 a fol. 839 sa 846 ta' l-atti proċesswali.

u qalilha li kien ser imur l-Għassa ħalli jara x' ġara. L-għassa ġie infurmat li Charles Paul kien il-*lock-up* iżda ma setax ikellmu. Qalulu ukoll li l-għada kien ser jiġi interrogat. L-għada fit-8:30 ta' filgħodu mar l-għassa u qalulu li kien għadu ma' telax. Huwa mar il-*lock-up* fejn sab lil Charles Paul jibki bl-uġigħ. Hu qallu li l-pulizija kienu tawh xebgħa kbira. Kellu għajn kważi mifqugħa u blu. Il-pulizija qalulu li kienu ser jieħduh l-isptar u hu mexa warajhom u waqfu l-għassa. L-ispettur ħareġ barra l-għassa dak il-ħin u kif ra kif kien l-akkużat qal lill-pulizija biex jieħdu l-isptar. Ix-xhud qal li ħaduh l-isptar dak il-ħin u hu mar għand il-mastrudaxxa u tal-aluminju biex jagħlqu l-bibien. Is-serratura kienet imkissra u għalhekk marru jixtru waħda ġdida u l-mastrudaxxa qala' l-antika u waħħal il-ġdida u rranġa kif seta' temporanjament. Mar għand ta' l-aluminju u marru jagħlqu l-bieb li kien mifqugħ. Iddrittaw ukoll is-serratura u kienet qed taħdem. Mar l-emerġenża u ra lill-akkużat mimdud kważi mitluf minn sensieh u kien hemm infermiera li kienet qed tieħu r-ritratti tal-ġrieħi li kellu. L-akkużat ried imur id-dar iżda t-tabib u x-xhud opponew. Iżda imbagħad għall-ħabta tal-ħdax ħadu d-dar u l-għada ħadu l-għassa. Imbagħad reġa' ħassu ħażin u reġgħu ħaduh l-isptar fejn dam xahar. Ix-xhud kien mar għalih l-isptar meta ġie rilaxxat u fi triqthom f' ħin minnhom l-akkużat daħal taħt is-*seat* u meta x-xhud staqsieh għalfejn qallu li għax kien hemm pulizija.

Illi dwar Sonia Vella jiġi rilevat li l-ewwel darba li ssemmiet kien nhar l-4 ta' Marzu 2024 meta l-avukat difensur li kien qiegħed jippatroċinja lill-akkużat dak iż-żmien intavola rikors fejn spjega li kien hu kien ġie avviċinat minn ċerta Sonia Vella li stqarret miegħu li hi kienet qed issuq il-vettura ta' l-akkużat meta inqala' l-inċident in kwistjoni u għalhekk talab li l-istess rikors jiġi notifkat lill-prosekuzzjoni sabiex hija tittella tixhed f'dawn il-proċeduri.[56]

Illi ma jidher li seħħ xejn dwar dan ir-rikors iżda fit-28 ta' Mejju 2014 il-Qorti ordnat lill-prosekuzzjoni sabiex tiddkjara l-posizzjoni tagħha fir-rigward tat-talba tal-avukat preċedenti. Illi fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Novembru 2014, l-Avukat  Ġenerali indika lil Sonia Vella bħala waħda mix-xhieda li huwa jrid u filfatt l-istess Sonia Vella xehdet f'dawn il-proċeduri nhar il-

[56] Ara ir-rikors ta' Dottor Tonio Azzopardi a fol. 178 ta' l-atti proċesswali.

5 ta' Frar 2015[57] iżda x-xhieda tagħha ġiet sospiża fuq ordni tal-Qorti diversament presjeduta u dan sabiex jinqara lilha r-rikors li kien sar mid-difiża.[58]

Mill-atti jirriżulta madanakollu li l-parte ċivile qatt ma' ngħataw il-possibilità li jagħmlu l-kontro-eżami ta' din ix-xhud.[59] Però, mill-atti jirriżulta ukoll li talba f' dak is-sens qatt ma saret mill-*parte ċivile* ħlief li saret talba indiretta fir-risposta għar-rikors ta' l-akkużat ta' l-4 t' Awwissu 2017.[60]

Sussegwentement din il-Qorti diversament presjeduta, b'digriet datat it-23 ta' Awwissu 2017[61] filwaqt li ċaħdet li jsir il-kontro-eżami ta' Sonia Vella mill-*parte ċivile,* ordnat li titħarrek Sonia Vella bħala xhud tal-Qorti u dan a bażi ta' l-insenjament tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Zerafa**[62]*.* Illi filfatt, Sonia Vella reġgħet xehdet quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar is-27 ta' Settembru 2017.[63]

Illi waqt is-sottomissjonijiet magħmulha quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur il-ġdid tal-akkużat talab lil Qorti tiskarta x-xhieda mogħtija minn Sonia Vella nhar is-27 ta' Settembru 2017 stante li din ma ngħataqx skont ir-rit proċedurali nostran.

Illi s-sentenza ċitata minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fid-digriet tagħha tat-23 ta' Awwissu 2017, ossija **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Zerafa,** tibbaża l-insenjament tagħha fuq l-Artikolu 436(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali li jagħti l-poter lill-Qorti Kriminali tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullità, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verità. Illi dan l-Artikolu, madanakollu, huwa applikabbli biss għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u filfatt, m'huwiex wieħed mill-

---

57 Ara fol. 464 tal-atti proċesswali.
58 Ara l-verbal tal-Qorti diversament presjeduta a fol. 462 sa 463 ta' l-atti proċesswali.
59 Ara fol. 805 ta' l-atti proċesswali.
60 Ara r-risposta a fol. 857 sa 859 ta' l-atti proċesswali.
61 Ara fol. 860 tal-atti proċesswali.
62 Ir-Repubblika ta' Malta vs David Zerafa, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 15 ta' Settembru 2016, Att ta' Akkuża 1/2010.
63 A fol. 863 tal-atti proċesswali.

artikoli tal-liġi li huma applikabbli kemm għall-Qorti Kriminali kif ukoll għall-Qorti tal-Maġistrati skont l-Artikolu 525 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-każ **il-Pulizija vs Jason Caruana**,[64] fejn hemmhekk il-prosekuzzjoni ttentat tippreżenta vera kopja ta' digriet li jelenka l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest wara l-għeluq tal-provi u l-Qorti rriteniet illi dak ma kienx proċeduralment korrett.

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tiskarta x-xhieda mogħtija minn Sonia Vella nhar is-27 ta' Settembru 2017.

Illi fix-xhieda tagħha tal-4 ta' Frar 2015,[65] Sonia Vella tgħid li hi toqgħod Malta u ġurnata minnhom, li kienet il-Ġimgħa, marret Għawdex filgħaxija sabiex tqatta' l-weekend hemm bħalma kienet dejjem tagħmel. Qalet li l-akkużat mar jiġborha mix-xatt tal-Imġarr. Qalet li kienu ħbieb biss, però għall-ewwel huma kienu f'relazzjoni. Mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk fiż-żmien li dwaru kienet qegħda tixhed kienitx f' relazzjoni ma' l-akkużat, hija qalet li iva imma mhux ta' kuljum. Hija kompliet tixhed li matul dak il-weekend partikolari, u preċiżament is-Sibt, hi u l-akkużat ħarġu flimkien.

Ix-xhud spjegat li hija kienet marret tkellem lill-Avukat difensur preċedenti tal-akkużat fuq parir ta' l-avukat tagħha wara li qaltlu li waqt li kienet Għawdex kellha inċident mal-pulizija wara li kellha argument ma' l-akkużat, ħaditlu l-karozza tiegħu u niżlet Marsalforn. Qalet li kellha l-argument mal-akkużat dakinhar tas-Sibt. Qalet li l-Ħadd baqgħu għaddejjin bl-argument u l-akkużat talabha biex joħorġu iżda hi ma' rieditx għaliex fil-fatt il-ġurnata ta' qabel hija riedet tinżel Malta iżda l-akkużat ma' riedx iwassalha x-Xatt tal-Imġarr għax kien sarlu l-ħin biex jidħol id-dar.

Dak il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd ix-xhud qalet li raqdet fuq is-sufan. Qalet li peress li l-Ħadd ma' rieditx toħroġ, l-akkużat ħareġ waħdu u hi baqgħet id-dar,

---

[64] **Il-Pulizija vs Jason Caruana,** Qorti tal-Appell Kriminali, 16 ta' Diċembru 2021
[65] A fol. 464 tal-atti proċesswali.

reġgħet raqdet u imbagħad qamet tlesti sabiex meta l-akkużat jirritorna isibha lesta u jkun jista' iwassalha x-Xatt tal-Imġarr. Kif semgħet il-bieb jinfetaħ, qabdet il-baskett u niżlet. Hi ltaqgħet ma' l-akkużat fit-taraġ u bdew jargumentaw. Fil-pront ix-xhud stqarret li daħlet idejha fil-but biex tieħu l-flus li kellu u telgħet iċ-ċavetta magħhom. Ħaditlu ukoll l-mobile u telqet 'il barra. Ix-xhud kompliet tgħid li mxiet fejn kien hemm il-ħwienet u rat il-karozza ta' l-akkużat ta' l-għamla Fiat ta' kulur blu ħdejn il-lukanda St. Patrick's. Fil-frattemp bdiet iċċempel in-numri li kien hemm fuq il-mobile ta' l-akkużat però kien biss ċertu Manwel li wieġeb. Ix-xhud stqarret li lil dan tafu bħala Leli l-Malti u ma' tafx x' inhu kunjomu. Qalet li Manwel qalilha biex tmur tkellmu u hi aċċettat u bdiet tibki. Xehdet li imbagħad saqet il-karozza ta' l-akkużat lejn Marsalforn u meta wasslet ħdejn l-ewwel roundabout għajtilha xi ħadd għax għaraf il-karozza u ħasibha l-akkużat u għajjat "Charles". Hi waqfet tkellem lil din il-persuna għaliex kienet tafu wkoll. Dan beda' jgħidilha li issa terġa' tirranġa ma' l-akkużat, taha birra u qalilha tmur id-dar iżda hi qaltlu li ma rieditx. Ix-xhud spjegat li hi kienet għaddejja minn quddiem id-dar ta' din il-persuna. HI telqet u marret ħdejn Leli l-Malti u kif ħarġet mingħandu għaddiet minn ħdejn il-ħwienet fejn hemm qisu pont. Stqarret li hi u tiela' rat il-karozza tal-pulizija ħdejn ir-roundabout fejn kienu waqqfuhom diversi drabi. Hi baqgħet issuq għaliex ma' ndunatx li kienu qegħdin hemm biex iwaqqfuha. Kif x-Xlendi daħlet kontra l-*one-way* fit-triq ta' l-akkużat, ipparkjat u telqet bil-mixi u baqgħet mixja sa fejn hemm *stage.* Riedet tmur ix-Xatt tal-Imġarr bil-mixi.

Skont ix-xhud l-argument li kellha ma' l-akkużat kien fuq tfajla u kien għalhekk li ċemplet in-numri li kien hemm fil-mobile ta' l-akkużat sabiex forsi tisma' leħen ta' tfajla. Qalet li ma baqgħetx sejra bil-karozza ix-Xatt tal-Imġarr għaliex meta ċemplet lil Leli aċċettat li tmur għandu biex tkellmu biex tara jekk l-akkużat kienx miegħu. Fil-fatt Leli qalilha li l-akkużat ma kienx miegħu.

Ix-xhud kompliet tgħid li meta rat lill-pulizija warajha baqgħet issuq għaliex kienet bla seat-belt u kellha flixkun birra f'idejha. Qalet ukoll li hi tal-fehma li l-familja ta' l-akkużat jogħboduha u kien għalhekk li r-relazzjoni tagħha ma' l-akkużat tkissret. Żiedet tgħid li huma ma' riduhiex miegħu. Dak il-ħin hija bdiet tinkwieta li peress illi l-karozza kienet reġistrata fuq il-familja tiegħu u mhux fuq

l-akkużat, l-pulizija kienu jċemplu lill-familja u jinqala' ħafna paniku. Qalet li darba minnhom anke kienu ħadulu ċ-ċavetta tal-appartament għaliex sabuha hemmhekk. Hija spjegat li r-raġuni għal dan kienet li hi akbar mill-akkużat u għandha tlett itfal.

Ix-xhud xehdet li sakemm kienet tiela' t-telgħa tar-Rabat, il-pulizija kienu warajha u imbagħad tilfithom, Hi imbagħad saret taf x' ġara l-Ħadd għaliex ċemplilha Manwel biex jgħidilha.

Ix-xhud stqarret li lil PC Joseph Portelli tafu u kien waqqafhom kemm-il darba hi u nieżla lejn ix-Xatt tal-Imġarr biex taqbad il-vapur. Ix-xhud xehdet li ma setgħetx tagħraf lill-pulizija li kienu fil-vettura għaliex kien id-dlam u kienet qegħda ssuq b' veloċità qawwija.

Mistoqsija għalfejn damet sena biex titkellem dwar dan l-akkadut, ix-xhud qalet li hi kienet tibża' minħabba uliedha.  Apparti min hekk imbagħad missitha l-kuxjenza meta rat li l-akkużat ma' kixifhiex u ma' ħassitx li kien sew li jeħel kollox hu. Ix-xhud xehdet li meta marret fuq l-istage waqaf xi ħadd li wassalha sa fejn hemm statwa ta' Madonna u imbagħad qabdet il-vapur u niżlet Malta.
Ix-xhud żiedet li apparti Manwel u dak i-raġel li wassalha hi iltaqgħet ma' ċertu Jethro li konfermat li ratu barra  l-Qorti dakinhar. Ix-xhud stqarret li ħadd ma' ġiegħelha tixhed.

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet diametrikament opposti. Filwaqt li l-parte civile u ossia t-tlett pulizija jsostnu li dan il-każ huwa wieħed li skatta minn allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja da parti ta' l-akkużat li spiċċa ħadhom *on a car chase,* l-akkużat isostni li huwa m' għamel xejn u ġie imsawwat għal xejn b' xejn ġewwa daru waqt li hu kien rieqed u dan meta il-pulizija daħħlu fuqu f' nofs ta' lejl, billi faqgħu l-bieb tal-komun tal-blokka ta' appartamenti fejn joqgħod u faqgħu ukoll l-bieb ta' l-appartament tiegħu.

Illi, fid-dawl ta’ dan il-kunflitt, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[66] fejn jingħad:

> "*Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’ kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’ hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

Illi għalhekk il-Qorti għandha teżamina l-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tal-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha. Tali eżami, madanakollu, ma jistax isir b’mod spezzettat għaliex kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Omissis A:**[67]

> *"Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista’ jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Illi f’dan il-każ, il-Qorti għandha quddiema fuq naħa waħda x-xhieda tat-tlett uffiċjali tal-pulizija ossija ta’ PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia, li huma ukoll il-parte ċivile, bil-verżjoni tagħhom ta’ dak li

[66] **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta’ Lulju 2003, (App. Krim. Nru 59/2003).
[67] **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Omissis A**, Qorti Kriminali, 6 t’ Ottubru 2023, (Att ta’ Akkuża Nru: 10/2022).

allegatament ġara f' dak il-lejl u dik ta' l-akkużat li rrilaxxa stqarrija u anke għażel li jixhed quddiem il-Qorti.

Illi fil-verżjonijiet tagħhom kemm PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia kienu konsistenti fuq il-fatt li fl-14 ta' April 2013 għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin għaxra, waqt li kienu qegħdin jagħmlu ronda għaddew minn Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn u raw vettura tat-tip Fiat Punto ta' kulur blu bin-numru ta' reġistrazzjoni BON114 li juża l-akkużat Charles Paul Muscat. Din kienet quddiem ir-residenza ta' Leli l-Malti. Peress illi kienu jafu li l-akkużat kien fuq *libertà proviżorja,* is-surġent iċċekkja ma' l-għassa x' kundizzjonijiet kellu u kkonferma li kellu jkun id-dar f' nofs il-lejl. Komplew bir-ronda u għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu kienu għaddejjin minn Triq Manuel Magro, ġewwa Marsalforn, meta ġew wiċċ imb wiċċ mal-vettura imsemmija li kienet misjuqa mill-akkużat stess. L-akkużat mar fid-direzzjoni tal-parkeġġ ta' Marsalforn. Baqgħu isegwu lill-akkużat, u ħin minnhom rawh ħiereġ mill-parkeġġ. L-akkużat għafas il-gass, u għadda bi żbrixx minn magħhom u saq lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Baqgħu jsuqu warajh sakemm wasslu x-Xlendi fejn sabu l-vettura ta' l-akkużat ipparkjata kontra l-*one way* fi Triq ir-Ranċiż, ix-Xlendi quddiem blokka appartamenti fejn kien joqgħod l-akkużat. Ġie nnotat li s-silencer tal-vettura ta' l-akkużat kien għadu jfaqqa għaliex il-vettura kienet għada sħuna. Kienu konsistenti ukoll dwar il-fatt li huma faqgħu il-bieb tal-komun sabiex jidħlu fil-blokka t' appartamenti u kif ukoll il-bieb ta' l-appartament ta' l-akkużat biex jidħlu wara li ħabtulu u ma' fetħilhomx. Illi l-verżjoni tal-parte ċivile li l-akkużat kien qiegħed barra wara l-ħin tar-rinkażar f'Marsalforn ġiet ukoll ikkonfermata minn PS820 Jonathan Vella li ra lill-akkużat isuq il-vettura bi speed eċċessiv għall-ħabta tas-1.30am.

Illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-akkużat, min-naħa l-oħra, hija li hu kien rieqed id-dar tiegħu u għal-għarrieda daħlu fuqu l-pulizija u sawwtuh. Jgħid li din kienet qisha operazzjoni mwettqa minn PC 138 Joseph Portelli għaliex ried jaraħ il-ħabs u jgħarraqlu l-familja. Huwa jgħati żewġ verżjonijiet ta' kif seħħew l-affarijiet. Huwa jgħid li kien waħdu rieqed bil-boxer shorts fil-kamra tas-sodda

tal-appartament tiegħu meta sema' ħafna storbju fil-komun u nħasad. Qal li f'ħin minnhom sema' tisbit mal-bieb tal-appartament tiegħu u daħlu fuqu żewġ persuni. Peress li ma laħaqx xegħel id-dawl u kien hemm id-dlam, hu ma għarafhomx u qabdu jsawwtuh. Jgħid li ħaseb li kienu se jittorturawħ. Il-pulizija fix-xhiedha tagħhom jgħidu li l-ewwel ċemplu l-qampiena tal-appartament, imbagħad faqgħu il-panew tal-bieb ta barra, imbagħad ħabbtu mal-bieb tal-appartament tiegħu u identifikaw ruħhom bħala pulizija u mbagħad wara ftit ħin faqgħu il-bieb tal-appartament tiegħu u daħlu ġewwa.

Illi huwa ovvju li bejn id-daqq tal-qampiena ta' barra sakemm il-pulizija daħlu fil-kamra tas-sodda tiegħu, l-akkużat kellu aktar minn żmien biżżejjed biex jixgħel id-dawl tal-kamra tas-sodda u jobdi l-ordnijiet li bdew jagħti l-uffiċjali tal-Pulizija.

Hemm ukoll diversi inkonsisentzi bejn l-istqarrija li rrilaxxa u dak li xehed quddiem il-Qorti. Għalkemm hemm aspetti mix-xhieda tiegħu li huma konsistenti bejn l-istqarrija u x-xhieda tiegħu, fosthom fejn jgħid li hu ma kienx lejn Marsalforn, din il-verżjoni hija kuntrastata kemm mix-xhieda ta' Emanuel Ċini, kemm minn dik tal-uffiċjali tal-pulizija u saħansitra mill-*call localisation* ippreżentat in atti.

Illi dwar ix-xhud propost mid-difiża, Sonia Vella, u l-hekk "konfessjoni volontarja u spontanja" tagħha, il-Qorti ssib li din il-verżjoni toffri perspettiva kemxejn perversa tal-fatti. Hija filfatt tgħid lletikat mal-akkużat u ħadet il-vettura tiegħu biex tmur Marsalforn. Hemmhekk hi kellmet lil "Leli l-Malti" u persuna oħra. Qalet li hi kienet qed issuq il-vettura meta kien hemm il-*car chase* u li imbagħad ipparkjat il-vettura quddiem il-bieb tal-akkużat u telqet bil-mixi lejn ix-Xatt (tal-Port tal-Imġarr) fejn ħadet *lift* u qabdet il-vapur għal-Malta.

Illi din il-verżjoni tikkontradixxi bi kbir il-verżjoni mogħtija minn PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia li qalu li raw lill-akkużat

isuq il-vettura. Illi din il-verżjoni ġiet anke kkonfermata mill-uffiċjal PS 820 Jonathan Vella li għaraf lill-akkużat isuq il-vettura f'Victoria. L-istess Emanuel Mercieca jixhed li l-akkużat kien miegħu dakinhar filgħaxija. Interessanti li Sonia Vella imkien ma tissemma mill-akkużat waqt it-teħid tal-istqarrija tiegħu u kien biss diversi xhur wara li Sonia Vella avviċinat lill-avukat preċedenti tal-akkużat b'din il-verżjoni. Interessanti wkoll li għalkemm jingħad kemm mill-akkużat kif ukoll mill-istess Sonia Vella li hi ħaditlu ċ-ċwievet tal-karozza, sad-data tal-istqarrija, ossija xahar wara li seħħet il-*car-chase* l-akkużat kien għadu ma jafx fejnhom iċ-ċwievet tal-vettura tiegħu.

Illi mingħajr tlaqliq ta' xejn il-Qorti tiddikjara li ma temminx il-verżjoni mogħtija minn Sonia Vella bil-ġurament quddiemha stante li din il-verżjoni ma tidhirx li hija bbażata fuq il-verità. Illi din il-Qorti tara wkoll li Sonia Vella jista' jagħti l-każ li Sonia Vella wettqet ukoll ir-reat ta' sperġur f'kawża kriminali.

Għalhekk, minn eżami tad-diversi provi miġjuba quddiemha fl-assjem taċ-ċirkostanzi, hija l-fehma tal-Qorti li l-verżjoni mogħtija mill-prosekuzzjoni hija aktar verosimili u kredibbli meta mqabbla mal-verżjoni offruta mid-difiża u għalhekk il-Qorti sejra temmen il-verżjoni tal-prosekuzzjoni u dan anke fid-dawl tax-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-pulizija li ma nnegawx li kien hemm skontru bejn il-pulizija u l-akkużat, liema skontru seta' irriżulta f' ċertu ġrieħi li ġarrab l-akkużat.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik arġinata fuq l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, ossija dik li attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b' ħebb, ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia.

Dwar l-elementi ta' dan ir-reat, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**[68] fejn intqal:

> *"L-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*
>
> 1. *Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss diżubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorità, ma tistax tissussiti r-reita taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi. Il-Mamo ikompli igħid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*
>
>    *Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*
>
> 2. *Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*
>
> 3. *Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti. Il-Mamo ikompli igħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed,*

[68] **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 26 ta' Mejju 2016, Appell Nru. 519/2015. Ara wkoll f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Lawrence Attard**, Qorti tal-Appell Kriminali, 12 ta' Settembru 1996 u i**l-Pulizija vs Lorraine Vella**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 14 ta' Settembru 2021.

*even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*F' sentenza oħra fl-ismijiet Il-***Pulizija vs Joseph Zahra**[69] *intqal li: "Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti".*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Florinel Nitu**[70] il-Qorti rriteniet illi:

*"Issa dwar meta dan ir-reat jiġi integrat, il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid li min jagħmel l-azzjoni kkontemplata f'dan l-Artikolu jrid jaġixxi b'mod li jkun irid juri "insubordination" jew "defiance" li tkun immirata li tostakola l-eżekuzzjoni tal-Liġi jew t'ordnijiet ta' awtorita komptenti. Jgħid hekk : -*

*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Lawrence Attard deċiża mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :*

[69] Il-Pulizija vs Joseph Zahra, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 9 ta' Settembru 2002, Appell Nru. 130/2002

[70] Il-Pulizija vs Florinel Nitu, Qorti tal-Maġistrati, 28 ta' Ottubru 2015

*biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi...”*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi mill-mument li l-akkużat u l-Pulizija ġew wiċċ imb’ wiċċ bil-vetturi tagħhom fi Triq Manuel Magro, Marsalforn sal-mument li l-pulizija daħlu fl-appartament tal-akkużat ma kien hemm ebda riskontru fiżiku bejniethom. Il-Qorti semgħet li l-akkużat beda jsuq b’veloċità qawwija u li f’mument minnhom saq anke għal fuqhom iżda f’ebda mument ma kien hemm attakk jew reżistenza min-naħa tiegħu. Filfatt, il-kuntatt fiżiku sar fl-appartament tiegħu bejn l-akkużat, PC 138 Joseph Portelli u PC 870 Ruben Farrugia. Hemmhekk, il-Qorti semgħet li l-akkużat beda jirreżisti l-arrest tant li PS 715 Lucian Gatt ta struzzjonijiet biex iniżżluh ma’ l-art sabiex ikunu jistgħu jaffettwaw l-arrest. Dan ma kienx biżżejjed għaliex anke minn ma l-art, l-akkużat kompla jirreżisti l-arrest billi poġġa jdejh taħt żaqqu u ma nrexxilhomx jimmanettjawħ. Illi minn dawn il-fatti jirriżulta għall-Qorti li l-akkużat mar ben oltre minn sempliċi diżubbidjenza u filfatt huwa ostakola, imqar jekk momentarjament, l-eżekuzzjoni tal-ordni leġittima tal-arrest. Illi ta min jgħid ukoll li dan l-arrest sar minn persuni li kienu qed jaqdu servizz pubbliku u minħabba li kienu propju qed jaqdu tali servizz pubbliku.

Illi għaldaqstant il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-ewwel akkuża.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni akkuża, l-akkużat jinsab mixli li inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia kif kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renald Briffa,**[71] il-Qorti rriteniet illi:

> *"lli l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

[71] **Il-Pulizija vs Renald Briffa**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 27 ta' Frar 2013,

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.*

*Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku."*

Illi applikat dan l-insenjament għall-fattispecje ta' dan il-każ, ma jirriżultax li l-akkużat l-inġurja, hedded jew għamel offiża fil-konfront ta' l-ebda wieħed mill-parte ċivile. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li f'xi mument matul il-car chase jew it-taqbida fiżika l-akkużat ma offenda, inġurja jew hedded lill-pulizija.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma' rnexxielhiex tipprova din it-tieni akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkuża hija ta' natura kontravvenzjonali fejn l-akkużat qed jiġi mixli li ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**[72] ġie ritenut illi:

> *"Ordni leġittimu mogħti mill-Pulizija jew mill-awtorità għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies leġittimu għal finijiet tal-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (ee) tal-Artiklu 338 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikun prima facie leġittimu, jiġifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tiegħu u fil-forma li bih jingħata."*

Illi mix-xhieda tal-pulizija jirriżulta li l-akkużat kien qed isuq il-vettura tiegħu meta l-uffiċjali tal-pulizija qalulu biex jieqaf diversi drabi waqt li kienu qed isuqu warajh. Irriżulta wkoll li meta ħabtulu l-bieb tal-appartament u qalulu biex jiftaħ hu baqa' ma fetaħx. Fil-fehma tal-Qorti dawn kienu kollha ordnijiet leġittimi mogħtija mill-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom li l-akkużat ma obdiex.

Għaldaqstant il-Qorti qed ssib li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din it-tielet akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat

Illi r-raba' akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik ravviżata fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

[72] **Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 25 ta' Ġunju 1997

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[73] ġie ritenut illi:

> *"...din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (1) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 15 ta l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negliġenti driving u dangerous driving fit-test Ingliż). **Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. **Sewqan perikoluż** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat u kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont perikoluż (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali 21/5/96);"*

Illi jirriżulta mix-xhieda ta PC 138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia u PS 715 Lucian Gatt li l-akkużat kien qed isuq bi speed eċċessi, kif del resto ġie

[73] **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1997.

kkonfermat ukoll minn PC 820 Jonathan Vella. PC870 Ruben Farrugia qal li meta ħareġ mill-vettura biex iwaqqaf lill-akkużat, dan saq għal fuqu u ħarab minn fuq il-post, niżel minn Triq ix-Xtut u għadda kontra l-*one-way* minn triq Santa Marija, Marsalforn. Dan ix-xhud, madanakollu, ma jagħtix aktar dettalji dwar kif "saq għal fuqu" peress li din il-frażi tista' tindika kemm vettura li qed tinstaq fid-direzzjoni tiegħu iżda għadha 'l bogħod jew vettura li qegħda viċin ħafna tiegħu. Naturalment din id-distinzjoni tfisser gradi ta' perikolu differenti. Ma ġiex ipprovat li l-akkużat saq b'periklu għall-ħajja ta' PC 870 Ruben Farrugia u fil-verità ħadd mix-xhieda ma qal li ħajjithom, jew min minnhom, kienet f'xi mument qegħdha fil-periklu. Min-naħa l-oħra, ġie pprovat li l-akkużat saq bi speed eċċessiv f'żoni li huma abitati, b'mod partikolari f'Victoria. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li t-tip ta' sewqan tal-akkużat huwa "bla kont".

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din ir-raba' akkuża iżda biss bħala sewqa "bla kont"

Ikkunsidrat;

Illi l-ħames, sitt u seba' akkużi se jiġu tratti flimkien.

Illi mix-xhieda ta' PS 820 Jonathan Vella li waqt li l-akkużat kien qed isuq minn Marsalforn lejn ix-Xlendi bil-pulizija jsegwuh sab quddiemu '*pedestrian crossing'* u baqa' għaddej bil-veloċità li kien għaddej mingħajr ma' naqqas. Di piu, PS 820 xehed li ra lill-akkużat isuq kontra sinjal tal-"one way". PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia ukoll xehdu li l-akkużat kien qed isuq b'mod perikoluż u bi speed eċċessiv.

Illi madanakollu, minkejja li diversi persuni xehdu li l-akkużat kien qed isuq bi *speed* eċċessiv, ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti dwar kemm kien dan l-ispeed u għalhekk il-Qorti m'għandhiex l-aqwa prova quddiemha fir-

rigward tal-allegazzjoni illi l-akkużat kien eċċeda l-limitu tal-veloċità u lanqas ma tressqet prova ta' x'kien il-limitu tal-veloċità għal dik iż-żona relevanti.

Illi għalhekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ħames u seba' akkuża iżda ma rnexxilhiex tipprova s-sitt akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi permezz tat-tmien akkuża Charles Paul Muscat jinsab akkużat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament presjeduta u datat it-8 ta' Frar 2011 kif kontemplat fl-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Farrugia**[74] ġie ritenut:

> *"Illi l-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tiġi mogħtija l-libertà' proviżorja għandhom dejjem jiġu osservati ad litteram u skrupolożament u ma għandux jingħata lok għal kavillar żejjed fl-interpretazzjoni tagħhom meta jkunu ċari w kategorici."*

Illi jirriżulta illi permezz ta' Digriet datat 8 ta' Frar 2011, din il-Qorti diversament ippresjeduta imponiet numru ta' kondizzjonijiet fuq l-akkużat sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Fost dawn il-kondizzjonijiet hemm li ma jikkomettiex reati ta' natura volontarja u li jirrinkaża ruħu sa ċerta ħin.[75] Illi dawn il-kondizzjonijiet ġew varjati kemm fid-29 ta' Settembru 2011[76] kif ukoll fil-5 ta' Diċembru 2013.[77] Illi l-

[74] Il-Pulizija vs Mario Farrugia, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 14 ta' Lulju 2009
[75] Ara fol. 151 tal-atti proċesswali.
[76] Ara Dok "FT 13" a fol. 236 tal-atti proċesswali.
[77] Ara Dok "FT 14" a fol. 238 tal-atti proċesswali.

Ispettur Dennis Theuma ikkonferma li dawn il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest huma imposti fuq l-akkużat odjern.[78]

Illi l-Qorti tosserva li dan il-każ fil-fatt beda' proprju minħabba suspett li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja, liema suspett eskala b'mod irraġonevoli da parti tal-akkużat peress li huwa wettaq numru ta' reati oħra b'mod volontarju kif riportat f'din is-sentenza.

Għalhekk il-Qorti qed issib illi anke din it-tminn akkuża ġiet ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ser titratta d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il akkuża miġjuba kontra l-akkużat flimkien. Illi d-disa' akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 110(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-għaxar akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li l-ħdax-il akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**,[79] ġie ritenut illi:

> "*ir-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent, ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal*

[78] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija nhar id-29 ta' April 2015, a fol. 518 tal-atti proċesswali.
[79] **Il-Pulizija vs David Mizzi**, Qorti tal-Appell Kriminali, 16 ta' Frar 1998

*reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia,**[80] fejn ġie ritenut illi: (see case #172 in my library)

*"Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tar-reat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awtorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati l-formalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 et. seq. tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti….*

*Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu ["Lectures in Criminal Law – Year II", p. 68.] – din id-disposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l-Artikolu 211 tal-Codice Zanardelli. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontaneita` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva". L-inkriminazzjoni skond l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awtorita` kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti…."*

[80] **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia,** Qorti tal-Appell Kriminali, 2 ta' April 2004 (App Nru 136/2003):

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nevin Cassar u Terrence Testaferrata De Noto**[81] fejn il-Qorti qalet:

> *"Ir-reat ta' kalunja kif previst fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority." Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta'l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew iddenunja falza trid tkun tali illi abbazi ta' l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati."*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Doreen Zammit**[82] ġie ritenut illi:

> *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkużata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kienitx għamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata ħsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem ġie ritenut, wieħed huwa tenut dejjem responsabbli għal-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jagħmel."*

[81] **Il-Pulizija vs Nevin Cassar u Terrence Testaferrata De Noto**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 25 ta' Mejju 2012, (Każ Nru. 290/2011)
[82] **Il-Pulizija vs Doreen Zammit**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 15 ta' Ġunju 2001 (App Nru 264/1999)

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirriżulta illi dak il-lejl li l-akkużat ittieħed fil-*lockup* tal-Pulizija wara l-arrest, meta ġie mistoqsi dwar jekk kellux bżonn ta' għajnuna medika, l-unika ħaġa li talab kienet attenzjoni medika minħabba l-asthma u li jinformaw lil nannuħ  Giaocchino  Galea bl-arrest tiegħu. Meta ġie rilaxxat mil-*lockup*, minkejja li l-pulizija staqsewh riedhomx iwassluħ l-isptar, hu talabhom iwassluħ id-dar minflok. Filfatt, huwa mar l-Isptar aktar tard flimkien ma nannuħ. Illi l-Qorti semgħet ukoll lid-diversi uffiċjali tal-Pulizija li marru fl-appartament kollha jikkonfermaw li għalkemm l-akkużat kellu xi ħmura fuq dahru, ħadd minnhom ma nnota xi ġrieħi oħra kif allegati mill-akkużat u murija fir-ritratti eżebiti.

Illi l-akkużat fix-xhieda tiegħu jittanta jpinġi stampa fejn huwa kien jinsab fis-sodda tiegħu fid-dlam u daħlu fuqu l-uffiċjali tal-pulizija b'sorpriża u tawħ xeba għax, skontu, PC 138 Joseph Portelli jrid jaraħ il-ħabs. Illi din il-verżjoni mpinġija minnu ma tagħmel assolutament ebda sens. Illi l-Qorti semgħet li hekk kif wasslu quddiem il-blokka tal-appartamenti l-uffiċjali tal-pulizija daqqew il-qanpiena ta' barra. Meta raw li ma fetaħx il-bieb ta' barra, faqgħu il-panew tal-bieb u daħlu fil-komun. Hemmhekk huma ħabtu mal-bieb tal-appartamenet tiegħu u bdew jgħajjtu "pulizija". Hu baqa' ma fetaħx u mbagħad faqgħu il-bieb tal-appartament u daħlu fuqu. Dak il-ħin, skontu, hu kien għadu qed ifittex l-iswiċċ biex jixgħel id-dawl. Illi il-Qorti m'għandix dubju li bejn il-mument li l-pulizija daqqew il-qampiena tal-bieb ta' barra u bejn il-mument tad-dħul forzat tagħhom fl-appartament, huwa kellu aktar minn biżżejjed żmien sabiex jixgħel id-dawl u jintebaħ b'dak li kien qed jiġri u jobdi l-ordnijiet tal-pulizija billi, *in primis*, jiftaħ il-bieb! Wara kollox, anke l-istorbju stess tal-komun kif ukoll it-tisbit mal-bieb u l-għajjat "pulizija" kienu biżżejjed biex hu jkun jaf dak li messu għamel u jiftaħ il-bieb. Anzi, jidher li dan il-"preavviż" serva sabiex l-akkużat jilħaq jibda jipprepara lilu nnifsu biex reżistenza lill-uffiċjali tal-Pulizija. Illi hija l-fehma tal-Qorti, mill-assjem tal-provi,  li l-akkużat f'dak il-mument kien diġà beda jaħseb kif jista' juża s-sitwazzjoni a favur tiegħu 'l quddiem.

Illi l-Qorti tara wkoll li għall-akkużat ma kienx biżżejjed li jiddenunzja lil PC138 Joseph Portelli, lil PC870 Ruben Farrugia u lil PS 715 Lucian Gatt lill-Ispettur Frank Anthony Tabone, iżda mar oltre biili bagħat email lill-Kummissarju tal-

Pulizija u lill-Prim' Ministru bil-verżjoni tiegħu. Fl-istess email huwa jgħid li sat-30 ta' April 2013 kien għadu rikoverat l-isptar minħabba l-ġrieħi li ġarrab u l-konsegwenza tagħhom. Fil-verità, din il-Qorti semgħet li f'dak iż-żmien huwa kien qed jinżamm fis-*Short Stay Ward* tal-Isptar minħabba li kellu komplikazzjonijiet preċedenti u nżamm għall-osservazzjoni peress li kien anzjuż.

Illi l-Qorti tara wkoll li hemm inkongruwenza bejn il-ġrieħi minnu allegatament sofferti u l-istampa li pprova jpitter l-akkużat, ossija dik li daħlu fuqu tlett uffiċjali tal-pulizija u tawħ xeba. Kieku din il-verżjoni kellha mis-sewwa, kieku l-ġrieħi li allegatament sofra l-istess akkużat kienu jkunu aktar serji minn ġrieħi ta' natura ħafifa, kif stabbilit minn Dr Mario Scerri.

Illi l-fatt li l-akkużat, apparti li għamel ir-rapport falz tiegħu lill-Ispettur Frank Anthony Tabone, għamel ukoll rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Prim' Ministru juri biċ-ċar l-*animus* tiegħu li jimmassimizza l-ħsara li jista' jwettaq lil PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia u PS 715 Lucian Gatt. Huwa għażel ukoll li jirrapporta lill-dawn l-awtoritajiet anke sabiex jibdew proċeduri kontrihom.

Illi mill-provi prodotti u bl-azzjonijiet tal-akkużat, madanakolli, l-Qorti ma tarax li l-elementi tal-Artikolu 110(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa sodisfatti u dan peress li ma tressqet ebda prova li l-akkużat <u>ħoloq</u> tracci jew indizji materjali biex jintużaw kontra l-parte ċivile, jew min minnhom.

Għalhekk, il-Qorti tqis li għalkemm il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-għaxar u l-ħdax-il akkuża, ma rnexxiliex tipprova d-disa' akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tnax-il akkuża Charles Paul Muscat jinsab akkużat bir-reat ikkonemplat fl-Artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tal-Artikolu 25 tal-Att XI tal-2018,[83] l-Artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali ġie mħassar. Di più, l-Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018, ċioè id-disposizzjoni transitorja, ma ssemi xejn dwar proċeduri kriminali b'rabta mal-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali u allura l-Qorti jkollha ssegwi dak stipulat fl-Artikolu 12(1)(d) tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *... omissis...*
>
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*

Illi għalhekk, minkejja li r-reat kontemplat fl-Artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie abrogat fl-2018, stante li meta twettqu l-allegati reati, dan l-Artikolu kienu jeżisti fil-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sejra teżaminah.

Illi l-Artikolu 252 kien jipprovdi:

> *(1) Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*
>
> *(2) Jekk l-inġurja ssir bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew egħmil li jkun biss mhux xieraq, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravenzjonijiet.*

[83] Att Nru XI tal-2018, "L-Att biex jipprovdi għall-aġġornar tar-regolamentazzjoni ta' ħwejjeġ li jikkonċernaw il-midja u l-malafama u għal ħwejjeġ konsegwenzjali jew ančillari għal dan" li daħal fis-seħħ fl-24 ta' April 2018.

*(3) Jekk l-inġurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena.*

*(4) Jekk l-inġurja ssir kontra axxendenti, u l-piena stabbilita għal dan ir-reat tkun il-priġunerija, tiżdied ukoll il-piena tal-multa.*

Illi applikat kif osservat minn din il-Qorti aktar'il fuq f' din is-sentenza, mill-fattispecje ta' dan il-każ, ma jirriżultax li l-akkużat b' xi mod inġurja xi wieħed mill-parte ċivile. Illi tul x-xhieda tal-parte ċivile ħareġ ampju li l-fatti li taw lok għal dan il-każ kien is-suspett tagħhom li huwa kien kiser il-kundizzjonijiet li bihom kien ingħata l-libertà proviżorja u li konsegwentement huma baqgħu isegwu lill-akkużat sakemm finalment irnexxielhom jarrestawh ġewwa d-dar tiegħu. Irriżulta mix-xhieda li kien hemm skontru bejniethom iżda l-prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova li l-akkużat b' xi mod inġurja anke jekk mhux bil-kliem.

Għaldaqstant il-prosekuzzjoni ma' rnexxilhiex tipprova din l-akkuża.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tat-tlettax il-imputazzjoni miġjuba kontra l-akkużat, il-Qorti tinnota illi r-reat mhuwiex inkluż fir-rinvju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk il-Qorti m'hijiex se tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi sabiex tikkalibra l-piena fil-każ *de quo*, peress li bejn id-data ta' meta seħħew l-allegati r-reati u d-data ta' din is-sentenza, wħud mill-liġijiet relevanti għal dan il-każ ġew emendati, il-Qorti serja tikkwota dawk l-artikoli tal-liġi fejn l-emendi jaffettwaw il-piena għar-reat u dan sabiex tapplika l-aktar piena favorevoli għall-akkużat.

Illi dakinhar li seħħew l-allegati reati, l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali kien jaqra hekk:

"***96.** Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena;* "

Illi dakinhar li seħħew l-allegati reati, l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali kien jaqra hekk:

*"(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."*

Ilil dakinhar li seħħew l-allegati reati, l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 kien jaqra hekk:

**"*15.*** *(1) Kull min -*

*(a) isuq vettura bil-mutur mingħajr licenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur li ma jkollhiex licenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż; jew*

*(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-licenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur,*

*ikun hati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur.*

*(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u,meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien*

*(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż il-qorti, b' żieda tal-piena taht is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan, f'każ ta' l-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

*(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'żieda għall-piena skond dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem."*

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat *de quo* beda billi kiser l-ordni tal-Qorti imposta fuqu u kien f'Marsalforn meta suppost kien qiegħed rinkażat. Hawnhekk, l-akkużat diġà qed juri ċerta spavalderija lejn il-kondizzjonijiet imposti fuqhom. Din l-ispavalderija tiegħu kompla juriha meta nduna li ġie nnutat mill-uffiċjali tal-pulizija u minflok wafaq u obda l-ordnijiet mogħtija lilu, iddeċieda li jipprova jisgiċċa bil-vettura tiegħu b'sewqan bla kont u dan fit-toroq li kienu miftuħin kemm għat-traffiku kif ukoll għall-*pedestrians*. Aktar minn hekk, meta PC138 Joseph Portelli niżel mil-

vettura tas-servizz biex iwaqqaf lill-akkużat, dan saq għal-fuqu jew fid-direzzjoni tiegħu. Waqt dan is-sewqan bla kont, l-akkużat ma tax każ la tal-pedestrian crossings, la tal-*one ways* u lanqas tas-sinjali tat-traffiku.

Mhux hekk biss, talli biex mingħalih jipprova jikkawża ħsara lil PC 138 Joseph Portelli, PC 870 Ruben Farrugia u PS715 Lucian Gatt, huwa akkużhom quddiem l-awtoritajiet kompetenti u iddenunzjhom b'reati li jaf li ma wettqux. Fil-fehma tal-Qorti, l-azzjonijiet tal-akkużat fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija tippreżenta theddida lill-uffiċjali tal-pulizija u ta' forzi oħrajn kollha li jekk huma jwettqu dmirhom skont il-liġi, jistgħu potenzjalment jaffaċċaw proċeduri minħabba manuvri qarrieqa tal-malviventi suġġetti għall-azzjoni tal-istess uffiċjal. Dawn it-tip ta' tattiċi m'humiex aċċettabbli fis-soċjetà Maltija u żgur li ebda persuna li twettaq dmirha skont il-liġi m'għandha tgħaddi proċeduri intortament.

Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-piena għandha tkun waħda viċin il-massimu preskritt mill-liġijiet viġenti fiż-żmien tar-reat u li huma l-aktar favorevoli għall-akkużat u waħda ta' inkarċerazzjoni effettiva.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli, 17, 31, 95, 96(a), 101 110(1), 110(2), 252, 338(ee), 579(2)(3)(4) u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikolu 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Charles Paul Muscat <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-seba', it-tmien, l-għaxar, u l-ħdax-il akkuża filwaqt li qed tilliberah mill-bqija u tikkundannah għal piena ta' **sena (1)** priġunerija **effettiva**.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda minbarra l-piena inflitta, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll

l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun.

Illi ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u b'żieda mal-piena hawn mogħtija, il-Qorti qed todna l-konfiska tas-somma komplessiva ta' għaxart' elef Ewro (€10,000) ossija s-somma ta' ħamest' elef Ewro (€5,000) mħollija bħala depożitu flimkien mas-somma ulerjuri ta' ħamest' Ewro (€5,000) mill-garanzija personali minnu mogħtija permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Edwina Grima fit-8 ta' Frar 2011;

Ai termini ta' l-artikolu 15 (3) ta' l-Ordinanza Dwar Ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-akkużat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' sitt (6) xhur li għandu jibda jiddekorri minn meta tiġi skontata jew b'xi mod ieħor maħfura l-piena mogħtija b'din is-sentenza;

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Charles Paul Muscat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex s-somma komplessiva ta' mitejn u ħdax-il Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€211.23) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Illi finalment, il-Qorti qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-għan li huwa jinvestiga lil Sonia Vella għall-possibili twettiq tar-reat ta' sperġur bix-xhieda minnha mogħtija quddiem din il-Qorti.

**(ft). Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Diane Farrugia**

**Deputat Reġistratur**